# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 836

Frar 2002




## GĦAWDXIN F'MELBOURNE

# LITTLEWOOD WOODWORKS LTD.



**Top quality & design**

N.B. Telegraph Street, Nadur, Gozo, NDR 102, Malta. Tel: 551629 Fax: 564233

http://www.littlewood.cjb.net

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Għas-Sigurtà ta' Torri u ta' Palazz • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Għawdxin f'Melbourne • 12
L-Għoti tad-Demm f'Għawdex • 19
Rispett għall-Ħajja • 20
Bookmark • 22
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim tat-Twemmin Nisrani (6) • 24
Ħidma Pastorali maż-żgħażagħ fi żmien il-Milied • 26
Poeżija - Il-Gżira tad-Destin • 28
Madre Margerita De Brincat • 29
Drawwiet Missirijietna – Il-Biedja f'Għawdex (4) • 30
Wirt Gżiritna – Il-Mużew tal-Istorja Naturali (5) • 34
It-Traffiku u Saħħitna • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 836**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Jannar 2002.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Għawdxin f'Melbourne
*(ara l-intervista f'paġni 12-18)*


# EDITORJAL



# Paċi, Ġustizzja, u Maħfra

Paċi, ġustizzja u maħfra kienu tliet kelmiet fuq fomm diversi mexxejja tal-popli fil-jiem tal-Milied. Dawn jiffurmaw it-tema tal-messaġġ tal-Papa għall-Jum Dinji tal-Paċi tas-sena l-ġdida 2002. F'dan il-messaġġ il-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II insista li ma jistax ikun hemm paċi vera jekk ma titwettaqx il-ġustizzja, filwaqt li mal-ġustizzja għandu jkun hemm dejjem sentimenti ta' maħfra għax fid-dinja ħadd ma jista' jgħid li m'għandu l-ebda ħtija.

Fuq l-istess suġġett tkellem fil-messaġġ tiegħu tal-Milied il-President tar-Repubblika ta' Malta Dr. Guido Demarco. L-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca fisser is-suġġett nhar l-Ewwel tas-Sena billi applikah għal pajjiżna u stqarr li din is-sejħa m'għandhiex titfisser biss għar-relazzjonijiet internazzjonali *"imma rridu nieħdu ħsieb li qabel xejn inħaddmu l-ġustizzja u l-maħfra fostna stess."* Huwa qal li dawn il-virtujiet hemm bżonn jitwettqu: *"fl-ambjent politiku nazzjonali, fl-organiżazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u l-għaqdiet tagħna; fuq il-postijiet tax-xogħol, fl-oqsma soċjali, kulturali u sportivi, fil-familja, u kulfejn jiltaqgħu jew igħixu flimkien il-bnedmin*".

L-Isqof tagħna Mons. Nikol Cauchi ukoll tkellem dwar ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin. Fil-messaġġ tiegħu tal-Milied insista dwar kemm hemm bżonn nibnu soċjetà armonjuża fejn kull individwu jirrispetta d-drittijiet u l-bżonnijiet ta' ħaddieħor f'sens ta' ġustizzja. Hemm bżonn naraw li ħadd ma jibqa' lura fil-mixja tal-progress u naħsbu b'mod speċjali f'min hu lura u għandu bżonn l-għajnuna ta' min hu b'saħħtu. Nhar l-Ewwel tas-Sena l-Isqof tagħna għamel appell biex ilkoll insibu ħin għat-talb għax dan huwa li jżommna fl-aħjar relazzjonijiet mal-proxxmu tagħna.

Min-naħa tagħna nawguraw li l-Għawdxin kollha jkabbru iżjed l-ispirtu ta' ġustizzja u karità bi spirtu qawwi ta' maħfra reċiproka. Niftakru li fid-dinja ħadd ma jista' jiddikjara ruħu nnoċenti wisq u għalhekk dejjem nitolbu lil Alla jaħfrilna kif aħna naħfru lil min hu ħati għalina. Jalla dan ikun proponiment qawwi għas-sena 2002 u bl-għajnuna t'Alla inżommuh.




## Laqgħa maż-żgħażagħ in-Nadur

Il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru Mons Isqof żar iċ-ċentru taż-żgħażagħ. Matul iż-żjara tiegħu huwa għamel laqgħa liż-żgħażagħ dwar il-ħidma tal-paċi. Fl-aħħar huwa bierek presepju artistiku li kien magħmul miż-żgħażagħ tan-Nadur. Mons Isqof kien akkumpanjat mill-Kanonku Dun Karm Portelli responsabbli mill-ħidma u ċ-ċentru taż-żgħażagħ.

## Laqgħa għall-abbatini

Ġewwa s-sala tas-Seminarju Maġġuri, fil-15 ta' Diċembru, 2001 ġiet organizzata attività għall-abbatini kollha tad-djoċesi. Fit-8.30 a.m. Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni li kienet animata mis-seminaristi. Fl-omelija Mons Isqof tkellem dwar il-vokazzjoni. Wara l-Quddiesa kien hemm xi *"plays"* kif ukoll *party* żgħir għalihom. Din l-attività ġiet organizzata mid-Direttur ta' l-Abbatini, Fr. Edward Xuereb, flimkien mas-seminaristi.

## Id-*December Function*

Għal sena oħra reġgħet ġiet organizzata d-"*December Function*" mill-membri tal-Leġjun ta' Marija. Il-laqgħa saret fil-jum tal-Ħadd, 16 ta' Diċembru, 2001, fis-sala taċ-Ċentru ta' Kana, Ġwanni Pawlu II. Mons Isqof ħa sehem f'din il-funzjoni billi qaddes quddiesa għal dawk kollha li kienu preżenti.

## Żjara lill-klassijiet tas-Seminarju Minuri

Illum nistgħu ngħidu li hija drawwa ż-żjara li jagħmel Mons Isqof lill-klassijiet kollha tas-Seminarju Minuri biex personalment jawgura lilhom u lill-familji tagħhom l-isbaħ xewqat ta' Milied hieni u "Sena tajba". Nistgħu ngħidu li l-istudenti tas-Seminarju minuri jkunu jistennewha. Mons. Isqof jieqaf għal xi żmien f'kull klassi jitkellem ma' l-istudenti. Il-laqgħa tkun waħda informali għall-aħħar. Għal din iż-żjara Mons. Isqof kien akkumpanjat mis-Surmast ta' l-Iskola Fr. Emmanuel Magro.

## Quddiesa lill-istudenti ta' l-iskola Agius De Soldanis

Mons Isqof kien mistieden għal nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru, 2001 biex imexxi Quddiesa għall-istudenti bniet ta' l-iskola "Agius De Soldanis". Il-Quddiesa bdiet fit-8.30 a.m. u saret fis-sala tat-Teatru Astra. Ma' Mons Isqof ikkonċelebraw diversi għalliema saċerdoti li jgħallmu f'din l-iskola kif ukoll id-Direttur Spiritwali responsabbli minn din l-iskola l-Kan. Dun Anton Refalo. Mons Isqof matul l-omelija stieden lill-istudenti biex joqgħodu attenti u jgħożżu iktar saħħithom billi jżommu ruħhom il-bogħod mit-tipjip, mix-xorb u mid-droga li jagħmlu ħsara kbar fil-ħajja tal-bniedem. Mons Isqof saħaq ukoll biex jagħrfu wkoll igħożżu s-saħħa ta' ruħhom u għall-okkażjoni tal-festi tal-Milied ta' l-inqas jieħdu ħsieb jersqu għall-qrar u għat-tqarbin. Fl-aħħar tal-Quddiesa Mons Isqof ingħaqad ma' l-iskola kollha biex jifraħ lil *"Headmistress"* Mrs. Cini li għalqet 25 sena miżżewġa. Wara l-Quddiesa t-tfal tellgħu l-*musical* ta' Scrooge.

## Laqgħa mal-komunità tal-knisja tar-"Ragħaj it-Tajjeb"



Fl-istess ġurnata tal-Ġimgħa Mons Isqof mexxa Quddiesa fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. Il-Quddiesa bdiet fl-4.00p.m. u kienet waħda mill-ġranet tan-novena organizzata lit-tfal. Mons Isqof għamel ħsieb dwar it-tifsira ġenwina tal-Milied u ta l-awguri tiegħu lil-komunità kollha. Qabel l-omelija klassi minn dawk li jattendu d-duttrina f'dan iċ-ċentru tellgħu *play* qasira dwar il-preżenza ta' Kristu fil-fqir u fil-batut. Wara l-Quddiesa Mons. Isqof qassam ir-rigali lit-tfal kollha li jiffrekwentaw id-duttrina, kif ukoll lill-katekisti, u wara waqaf jitkellem ftit mal-katekisti fid-Dar tas-Saċerdoti Ragħaj it-Tajjeb.

## Funeral tal-Kan. Dun Alwiġ Camilleri

Mons Isqof nhar l-Erbgħa, 26 ta' Diċembru, 2001 mexxa l-funeral tal-Kan. Dun Alwiġ Camilleri li kien jaħdem fl-arkivju tal-Kurja. Dun Alwiġ miet fil-għodu fil-ġurnata għażiża tal-Milied. Għall-Quddiesa kienu ħafna dawk is-saċerdoti li kkonċelebraw flimkien ma' Mons. Isqof. Mons Isqof fl-omelija qal li Dun Alwiġ kellu tliet ommijiet: l-omm naturali li Dun Alwiġ kellu mħabba u rispett kbir lejha; it-tieni omm kienet il-Knisja li dan is-saċerdot mhux biss ħabb iżda serva bil-ferħ u fl-aħħar, it-tielet omm għal dan is-saċerdot kienet il-Verġni Imbierka l-Imqaddsa Marija li lejha Dun Alwiġ kellu devozzjoni kbira.

## Festival tal-korijiet tal-Milied



Bħal kull sena oħra ġie organizzat il-*festival* tal-korijiet, il-Ħamis, 27 ta' Diċembru, 2001. Din is-sena kien organizzat għall-ewwel darba mis-Segretarju l-ġdid għall-Edukazjoni u l-Kultura Fr. Effie Masini. Il-*festival* li għalih attenda wkoll Mons Isqof sar fil-Knisja ta' l-Għarb u fih ħadu sehem ħames korijiet. Il-Kor *Laudate Pueri*, il-Kor parrokkjali ta' l-Għarb, il-Kor tal-Knisja ta' Sant'Antnin tal-Patrijiet ta' l-Imġarr, il-Kor Ulied Margherita u l-Kor Fjur t'Assisi tal-Patrijiet tal-Kapuċċini. Fl-aħħar tal-*Festival* Mons Isqof qassam it-*trophies* lil dawk kollha li ħadu sehem.

## Żjara fil-*HeadQuarters* ta' l-*Iscouts*

Is-Sibt, 29 ta' Diċembru, 2001 Mons Isqof kien mistieden biex imexxi Quddiesa fil-*Head Quarters* ta' l-*Iscouts*. Mons Isqof kellu jikkonċelebra miegħu lil Mons. Ġużeppi Farrugia, direttur spiritwali tagħhom. Wara l-Quddiesa Mons isqof assista għall-funzjoni li fiha ġew milqugħa 4 *Cubs* ġodda. Il-President tal-*Victoria Scouts* Lorry Saliba ppreżenta lill-Isqof *cheque* għall-karità li ssir mid-djoċesi.

## Laqgħa mal-koperaturi tal-MUSEUM

Il-Ħamis 3 ta' Jannar, 2002 Mons Isqof kien mistieden biex imexxi laqgħa fil-Museum tar-Rabat lill-Koperaturi. Għall-ewwel darba kienu mistiedna in-nisa tal-koperaturi. Mons Isqof kellimhom dwar id-dmir tal-bniedem li jagħmel atti ta' adorazzjoni lil Alla.

## Laqgħa ta' l-Awguri

Is-Sibt 5 ta' Jannar 2002, Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi iltaqa' mas-saċerdoti Għawdxin li nġabru sabiex jagħtuh l-awguri tagħhom għas-sena l-ġdida u li fiha huwa wassal l-messaġġ annwali tiegħu ta' awguri. Fil-bidu tal-laqgħa l-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni B. Gauci f'isem is-saċerdoti kollha ta' l-awguri lil Mons. Isqof. Fid-diskors tiegħu Mons Isqof beda billi semma ż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna u l-Beatifikazzjoni ta' l-ewwel tliet Beati Maltin u qal li t-tifkira tagħhom tibqa' friska f'moħħna u li nżommuha bħala xempju ta' ħajjitna. Huwa semma wkoll: il-Vista Pastorali li għamel fil-parroċċi kollha t'Għawdex mill-4 ta' Marzu sal-1 ta' Novembru, 2001; iż-żjara fil-Ġermanja flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti oħra u l-parteċipazzjoni tiegħu fl-għaxar Sinodu Ordinarju li sar f'Ruma. Mons Isqof tkellem mill-importanza li fil-pastorali li nwettqu nkomplu nimxu fuq il-Pjan Kwinkwennali 2001-2005 u l-ittra Apostolika *Novo Millenio Ineunte*. Suġġetti oħra li kienu trattati minn Mons. Isqof kienu dwar l-Iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof, ir-*Respite Centre*, is-Seminarju Maġġuri u l-ħidmiet fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali.

## Il-Familja Sciberras, "Familja Qalb tad-Deheb"



Is-Sibt, 12 ta' Jannar fis-sala tal-Imġarr Hotel, il-Moviment ta' Kana f'Għawdex organizza l-"Familja Qalb tad-Deheb". Dan il-premju għas-sena 2001 intrebaħ mill-familja ta' Saviour u Marlene Sciberras li toqgħod ta' Sannat. Għal dawn l-aħħar 11-il sena l-familja Sciberras ma waqfux jikkuraw b'sagrifiċċju mhux żgħir liż-żewġ uliedhom, Steve u Samantha. Steve miet fl-14 ta' Jannar 2002. Ix-*Shield* bil-qalb tad-Deheb ġiet ipprezentata mill-Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami. Mons Isqof ippreżenta rigal ta' tifkira lil din il-familja f'isem il-Kummissjoni Djoċesana Familja. Il-Ħadd, fil-5.00 p.m. Mons Isqof mexxa Quddiesa f'Ta' Pinu bħala parti mill-programm ta' Ġimgħa ta' attivitajiet għall-familja organizzat mill-Moviment ta' Kana. Fl-omelija l-Isqof semma l-importanza tal-familja li tieħu ħsieb, mhux biss li tagħti l-Magħmudija lill-uliedha u s-sagramenti kollha tal-bidu tal-ħajja nisranija, iżda wkoll li tedukahom biex jagħrfu jgħixu dawn is-sagramenti f'ħajjithom.




Lelio Spiteri

## *Esperjenza Lawrenzjana*

Bejn l-1 u s-7 ta' Diċembru 2001 l-ewwel grupp Għawdxi minn San Lawrenz ibbenefika mill-programm *YOUTH* ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' żjara f'Colle Umberto l-Italja. Iż-żgħażagħ Lawrenzjani kellhom l-opportunità li jgħixu sebat ijiem flimkien ma' żgħażagħ oħra minn dan il-post li jinsab fiċ-ċentru bejn Venezja u d-Dolomiti. Dawn kellhom l-opportunità li permezz ta' l-isports u l-ambjent isiru jafu iżjed lil xulxin. Iż-żgħażagħ kellhom ukoll l-okkażjoni li jżuru bosta postijiet fosthom Vittorio Veneto, Conegliano u Cortina. Huwa mistenni li fil-futur qarib grupp ta' tfajliet minn Colle Umberto jżuru l-lokalità ta' San Lawrenz.




## *Premju "Ġieh il-Qala"*

Dun Mikiel Buttigieg ingħata dan l-unur mill-Kunsill Lokali tal-Qala fit-23 ta' Diċembru. Dun Mikiel ilu saċerdot ħamsin sena u ħamsa u għoxrin sena minn dawn serva bħala rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni fl-istess raħal. L-unur ġie ppreżentat lil Dun Mikiel fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fejn Dun Mikiel jinsab rikoverat, mis-Sindku Paul Buttigieg. Għal din l-okkażjoni kienet ċċelebrata quddiesa mill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo, il-Kappillan tal-Fontana Dun Ġorġ Bezzina, u Dun Anton Refalo. Għaċ-ċerimonja kien hemm preżenti l-kunsilliera ta' l-imsemmi kunsill, qraba tas-saċerdot u ħbieb oħra.



## *Musical fil-Munxar "Is-Sbejħa u l-Bhima"*

Dan il-*musical* ittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar il-Ħadd 13 ta' Jannar. Diversi atturi u kantanti taw sehemhom f'dan il-*musical*. Id-direzzjoni kienet f'idejn Frida Mifsud.

## *Milied Speċjali*

Iċ-ċentru ta' taħriġ f'Għajnsielem organiżża attività fejn il-*Father Christmas* qassam diversi rigali lill-membri bi bżonnijiet speċjali li jattendu l-istess ċentru. Din saret il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru. Il-membri tas-*Sannat Special Unit* attendew ukoll. Il-Ministru għal Għawdex faħħret l-impenn tal-ġenituri tat-tfal u ta' l-istaff taċ-ċentru għad-dedikazzjoni tagħhom sabiex itejjbu dejjem aktar il-qagħda tal-persuni b'diżabilità f'Għawdex filwaqt li kkonfermat l-għajnuna li dejjem ta l-gvern favur dan il-qasam.





## *Wirja ta' bolli*

Wirja ta' bolli tal-Milied tal-pajjiżi kollha flimkien ma' kartolini tal-Milied ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex fil-21 ta' Diċembru. Din il-wirja saret fil-*Gozo Lending Library* Pjazza San Franġisk, Victoria. Il-parteċipanti kienu kollha studenti.

## *Premju "Ġieħ il-Fontana"*

Fit-30 ta' Novembru, is-Sur Saviour Borg, sindku tal-Fontana, ippreżenta *Ġieħ il-Fontana* lil Carmel Farrugia. Dan il-premju ngħatalu għas-sehem attiv tiegħu fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana. Midalji oħra ta' ġieħ ingħataw lill-kappillan Dun Ġorġ Bezzina, Mons Joseph Bajada u lil Moira Galea għax-xogħol li jwettqu fil-parroċċa u l-lokalità tal-Fontana.





## *Wirja ta' Kotba*

Fil-librerija pubblika fis-27 ta' Diċembru nfetħet wirja ta' erba' mitt ktieb ta' 'l fuq minn mija u ħamsin awtur Malti u Għawdxi. Dawn il-kotba huma miktuba f'lingwi barranin, bl-Ingliż, Franċiż u Taljan. Il-wirja saret biex titfakkar s-Sena Ewropea tal-Lingwi.



## *Laqgħa Soċjali*

Saret laqgħa soċjali fis-sala tal-wirjiet Pjazza San Franġisk Victoria għall-ħaddiema tal-*Construction and Maintenance Unit* li fil-preżent jammontaw għal 113 il-persuna. Waqt din il-laqgħa, is-Sur Paul Lanzon, l-uffiċjal responsabbli minn dan il-*unit*, ta rendikont tal-ħidma li saret mill-ħaddiema fis-sena 2001 li kienet sena mpenjattiva f'dawk li huma xogħlijiet ta' kostruzzjoni u manutenzjoni li kienu mitluba jsiru mid Dipartimenti Governattivi, Kunsilli Lokali, Organizazzjonijiet Parastatali u mill-pubbliku in ġenerali. Preżenti kien hemm il-Ministru għal Għawdex u Joseph Portelli, Direttur Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex li tagħha l-*Unit* tagħmel parti

## *Jum il-Munxar*

Il-Kunsill Lokali ta' din il-lokalità ċċelebra dan il-jum fit-12 ta' Diċembru b'tifkira tat-twelid il-parroċċa. Sar żfin, *talent show* u *fashion show* kif ukoll daqq tal-pjanu. Is-sindku, fid-diskors tiegħu, irrefera fost l-oħrajn għall-proġett ta' *playing field* fid-daħla tal-Munxar, l-irranġar tal-Pjazza tal-Knisja, u titjib fit-triq ta' quddiem iċ-ċentru parrokkjali u toroq oħrajn li qed ikunu rranġati. Issemma wkoll il-post ta' rikreazzjoni li hemm taħt l-Andar. Dawn il-proġetti waslu fi stadju avvanzat sabiex ikunu finalizzati u jiġu ppreżentati lill-pubbliku.

## *Ftehim*

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar ibbenefika mill-proċess ta' devoluzzjoni fejn il-Mitħna Sotterranja t'Emerġenza fix-Xlendi għaddiet taħt idejh. Il-Kunsill ikkummissjona studju dettaljat dwar il-potenzjal ta' dan is-sit kif ukoll dwar il-vijabiltà tiegħu. Din ser tinbidel f'sit turistiku. Dan il-ftehim sar fl-14 ta' Diċembru 2001, u għaċ-ċerimonja kien hemm preżenti fost l-oħrajn Anthony Grech Segretarju Eżekuttiv, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali Dr. Austin Gatt, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, u Joseph Sultana Sindku tal-Munxar.

## *Festival ta' Kant*





Nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar, fil-każin tal-Banda *Victory* tax-Xagħra, saret it-23 edizzjoni tal-Festival ta' Kant. Fost l-erba' kategoriji, Kategorija D kienet iffurmata minn kantanti ta' bejn is-7 u l-10 snin, li għalkemm żgħar fl-età mhumiex nieqsa mill-ħila vokali tagħhom. Fl-ewwel post spiċċat Gabriella Grech, tifla ta' 9 snin li kantat il-kanzunetta oriġinali "Tbissima" komposta minn Mariella Cassar fuq kliem ta' Anton F. Attard, filwaqt li fit-tieni post ġie Christian Grech ta' 7 snin bil-kanzunetta "Il-Ġugarell ta' Qalbi", mużika ta' Mariella Cassar u kliem ta' Carmelo P. Cassar. Filwaqt li nifirħu lil dawn il-kantanti żgħar, nawgurawlhom l-isbaħ xewqat għall-karriera mużikali tagħhom.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Pağna mill-Arkivju Nazzjonali - 102

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2001

# GĦAS-SIGURTA` TA' TORRI U TA' PALAZZ

Id-dokument numru mija u tnejn li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' pağni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas li sar nhar l-1 ta' Frar, 1702, għal xogħol fit-torri ta' Mġarr ix-Xini, limiti tax-Xewkija, u fil-Palazz tal-Gvernatur, fiċ-Ċittadella. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 29r (NAG, UG, *Acta*, 9/1701–1702, f. 29r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**A Mastro Simone Cassar scudo uno e grani quattro di moneta cioè tarì dieci e grani quattro per sei aste e sei spuntoni in scrigno della torre MigiariXini a tarì uno e grani quattordeci l'una, e tarì due per haver accommodato una siotelliera nella Casa Gubernatorale, li primo Febraro 1702.**

It-torri ta' Mġarr ix-Xini inbena mill-Universitas fl-1661 u kien armat bl-artellerija meħtieġa mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Inbena kważi kważi biswit it-torri ta' Kemmuna u b'hekk iż-żewġ torrijiet setgħu faċilment jikkomunikaw ma' xulxin: bil-bnadar bin-nhar, bil-ħruq tan-nar jew bl-isparar bil-lejl. Minħabba din il-qagħda strateġika tiegħu kien jinżamm f'kundizzjoni tajba.

Jidher li fil-bidu ta' l-1702, l-Universitas riedet li t-torri jkun magħluq u mħares iktar sewwa. Għal dan il-għan jidher li sar rixtellu tal-ħadid li kien jikkonsisti minn sitt vireg li n-naħa ta' fuq tagħhom kellhom *spontone*, kelma mill-Isqalli li hi definita bħala *arme in asta con lungo ferro quadro e non molto grosso ma acuto*, jiġifieri virga li n-naħa ta' fuq tagħha kellha speċi ta' kwadru tal-ħadid forma ta' djamant biex dak li jkun ikorri jekk jipprova jaqbżu. Dan sar *in scrigno* jew għal ħarsien aħjar tat-torri.

Kull virga bil-kwadru tal-ħadid fit-tarf tagħha ġiet tiswa irbiegħi u erbatax-il ħabba, li b'kollox jagħmlu 10 irbiegħi u 4 ħabbiet.

L-istess Simone Cassar, li jidher li kien jaħdem ta' ħaddied, għamel ukoll tiswija fis-*siotelliera*, kelma taħlita bejn Malti u Sqalli li tirreferi għaċ-ċaċċis tar-rixtelli. Qishom kien hemm xi uħud tal-ħadid fit-twieqi tal-Palazz tal-Gvernatur. It-tiswija swiet irbigħin.

B'kollox l-ispiża telgħet għal skut u erba' ħabbiet, ftit iktar minn tmien ċenteżmi jew 0.21 Euro.


C. 9. r.
A M.ro Simone Cassar scudo uno, e gr. quattro di m.ta
cioè tt. dieci, e gr. quattro p sei aste e sei
spuntoni in scrig. della torre Migiarixini a tt.
uno, e gr. quattordeci l'una, e tt. due p haver
accommodato una siotelliera nella Casa Gubernle
li p.mo Feb. 1702.




## Id-*Day Centre* "Dar ta' San Ġużepp"

L-użu tad-Dar ta' San Ġużepp bħala *Day Centre* għall-Anzjani hu pass ta' min ifaħħru. Ħafna anzjani mill-biċċa 'l kbira tal-parroċċi ta' Għawdex, qegħdin jibbenefikaw mis-servizzi li joffri dan id-*Day Centre*, li qed jiġi mħaddem, ta' min igħid, ukoll bil-kontribut tad-Djoċesi Għawdxija permezz tal-Caritas. Madankollu dawn is-servizzi jistgħu jitjiebu, u xi difetti jistgħu jiġu eliminati faċilment.

L-organizzaturi taċ-ċentru ma għandhomx jaqgħu għall-pressjoni ta' xi anzjani li huma tabilħaqq ivvizzjati għal-logħob tat-tombla, li jkollhom seba' mitt sena biex tispiċċa l-quddiesa ħalli jibda l-logħob, u ma jkunu jridu xejn iżjed ħlief it-tombla. Xi taħdita b'suġġett soċjali jew kulturali jew spiritwali, hemm bżonn li tkun inkluża fl-aġenda tal-jum tal-laqgħa tal-anzjani.

U la semmejna t-tombla, lanqas ma għandhom l-organizzaturi jfittxu li jibqgħalhom marġni kbira ta' profitt mit-tombla. Dan qed ngħidu għax bosta drabi l-premju li jingħata jkun frazzjoni żgħira mill-flus li jkunu nġabru - *peanuts* - kif soltu ngħidu.

Parir ieħor żgħir ta' l-aħħar. Dik l-anzjana (jew anzjan) li jkollha qattus jew kelb bħala *pet* m'għandhiex tiġi mċaħħda li tieħu magħha lejn id-dar xi fdalijiet ta' l-ikel li ma tkunx kielet. Dak li jibqgħalha fil-platt, hi tkun ħallset għalih, (għalkemm forsi bi prezz ridott). Imma li tipprojbixxi permezz ta' *notice* li ħadd ma jista jieħu xi għadam u fdalijiet oħra lejn daru mhix ħaġa sewwa. Il-*pets* ta' l-anzjani jridu jieklu wkoll!

## Waslet is-siegħa tal-Ġbejna Għawdxija

Kien hemm żmien meta b'mod sarkastiku xi Maltin kienu jsejħu lill-Għawdxin bħala "tal-ġbejniet" u lil Għawdex bħala "il-gżira tal-ġbejniet". U tabilħaqq, għax ħafna mir-raħħala Għawdxin kienu u għadhom irabbu mogħoż biex bil-ħalib tagħhom isiru l-ġbejniet.

Issa fix-xahar ta' Diċembru li għadda, il-Ministru ta' l-Agrikoltura Ninu Zammit qal li ser tingħata għajnuna mill-gvern biex il-produzzjoni tal-ġbejniet tradizzjonali tikber u tissaħħaħ u tirrendi iktar; produzzjoni li tkun aġġornata fuq sistemi professjonali, anke f'dak li hu ippakkjar u livell ta' *standards*. Il-ministru qal li bħalissa hawn domanda kbira għal dawn il-ġbejniet u s-suq biħsiebu jikber. Għaldaqstant il-produzzjoni tal-ġbejniet tradizzjonali għandha tiżdied, u reġa tenna, f'din il-ħaġa il-gvern biħsiebu jgħin.

Is-sena l-oħra kellna 6,620 mogħża li pproduċew 2,789 tunellati ta' ħalib. Kważi terz minn dan il-ħalib (mal-2200 tunellata) intuża biex inħadmu l-ġbejniet. Minn dan il-ħalib inħadmu 1,324 tunnellati ta' ġbejniet li 90% minnhom inbiegħu bħala ġbejniet friski u 10% nbiegħu bħala ġbejniet moxxi u tal-bżar.

Issa twaqqfet "Għaqda tal-Produtturi tal-Ġbejniet". Din l-Għaqda ser taħdem b'ħerqa kbira biex kif awgura l-Ministru Ninu Zammit "*il-futur ta' l-industrija tal-ġbejniet ikun ħafna isbaħ milli hu u jirrendi iżjed għar-raħħala*".

## Il-*Cable* tad-dawl elettriku u l-Ankra tal-vapur

Fil-25 ta' Novembru li għadda seħħ inċident sfortunat meta vapur li daħal jistkenn minn maltempata għamel ħsara fil-*cable* tad-dawl elettriku meta kien qed itella' l-ankra. S'issa Għawdex ma tantx ħass wisq il-qtugħ ta' dan il-*cable*, għax fil-pront beda jaħdem il-*cable* il-ġdid tat-33kv li kien tqiegħed bejn Malta u Għawdex f'Settembru li għadda. Dan il-*cable* il-ġdid ġie jiswa madwar Lm2.3 miljuni. Forsi ta' min igħid grazzi lil dawk kollha nvoluti li għaġġlu fix-xogħol biex iħaddmu dan il-*cable* qabel iż-żmien. Kieku ma ġarax hekk, ma nafx x'kienu jkunu l-konsegwenzi għalina l-Għawdxin...

Intant, bħalissa għaddejjin proċeduri fil-qorti biex jiġi stabilit ta' min kienet il-ħtija ta' dak li ġara u ukoll biex jiġu mħallsa d-danni li jlaħħqu eluf ta' liri, għax kif qed jingħad, x'aktarx li ser ikollu jinbidel il-*cable* kollu. L-Enemalta ħadet l-impenn biex x-xogħol fuq dan il-*cable* jitlesta sas-sajf li ġej.

Sadattant nistaqsu: X'jista' jsir biex jiġu mħarsa dawn l-għejjun ta' enerġija li fuqhom tiddependi l-ħajja soċjali u ekonomika tagħna? Hemm xi pjanijiet ta' emerġenza u ta' ħarsien iktar strett?

## Iktar dwar l-ipparkjar fir-Rabat

Nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru saret laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex li fiha l-Kunsilliera Laburisti ressqu mozzjoni b'urġenza biex il-Kunsill jinsisti mal-Gvern Ċentrali biex jissospendi l-iskema tal-parkeġġ bil-ħin fir-Rabat. Il-kunsillieri li ressqu l-mozzjoni għamlu lista mdaqqsa ta' l-iżvantaġġi u l-problemi li ħolqot is-sistema. Semmew id-diżgwid u l-konfużjoni li ħolqot

is-sistema. Issemmew ukoll diversi eżempji ta' dawn l-iżvantaġġi, fosthom li sidien ta' vetturi kummerċjali li għandhom ħwienet ta' negozju fir-Rabat ma jistgħux jipparkjaw fiż-żona fejn għandhom il-ħanut.

Wara li tressqet il-mozzjoni, sar dibattitu jaħraq b'ħafna għajjat li kien jinstama anke minn barra l-*Banca Giuratale*. Naturalment, il-mozzjoni ma għaddietx għax il-kunsillieri Laburisti huma fil-minoranza. Jiena nħoss li l-iżvantaġġi, il-problemi u d-diżgwid li semmew il-kunsillieri Laburisti huma kollha veri u li l-vantaġġi huma wisq anqas mill-iżvantaġġi. Kull ma għandu bżonn ir-Rabat biex ttħaffef il-problema tal-parkeġġ tal-karrozzi u tiġi evitata l-konfużjoni huma aktar postijiet tal-*parking*. U hemm fejn isiru aktar *areas* tal-parkeġġi anke fil-qalba tar-Rabat! Basta ma noqgħodux infettqu dwar kull post, daqqa għal motiv u daqqa għal ieħor.

Qegħdin ngħixu fl-era tas-*surveys*. Qed isir stħarriġ fuq kull suġġett immaġinabbli. Wara kollox, l-idea wara din is-sistema l-ġdida ta' *parking* kienet għall-benefiċċju tar-residenti tar-Rabat u ta' dawk li jaħdmu fir-Rabat. Allura għaliex ma jsirx *survey* fost l-adulti kollha tar-Rabat u naraw jaqblux mas-sistema jew le? Ħadd daqs ir-residenti tar-Rabat ma jista' jgħid jekk is-sistema hix qed taħdem favur jew kontra l-interessi tar-Rabat u r-Rabtin!

## "Għawdxi! Min jafu!"

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar, kelli bżonn ninżel Malta fuq biċċa xogħol. Għall-ħabta tal-11.05 a.m. kont fil-qrib tal-Monument ta' Kristu Re, il-Furjana, quddiem il-*Hotel Phoenicia*. Ġew żewġ *wardens* iduru u jiċċekkjaw dwar il-parkeġġ tal-karozzi f'dawk l-inħawi. Deher li ma tantx kellhom aptit jagħtu multa lil dawk **kollha** li kienu kisru l-liġi tal-parkeġġ, u donnhom bdew iħarsu lejn il-liċenżja biex l-ewwel jaraw ta' min hi l-karozza qabel ma jiddeċiedu jekk kisrux il-liġi jew le . F'mument minnhom wieħed mill-gwardjani lokali nstema jgħid lill-ieħor: "*Dan Għawdxi! Min jafu!*". U waħħallu *ticket*.

Ġietni l-kurżità u mort nittawwal mal-*windscreen*. Ħadt nota ta' l-indirizz ta' dan l-Għawdxi biex inkun żgur. Jekk jaqra din il-paġna dan l-Għawdxi jinduna, għax jista' iqabbel il-ħin u l-jum. Li ma kienx ikun jaf dan l-Għawdxi bħalna hu li laqqat *ticket* mhux għax kiser il-liġi biss, imma ukoll għax inzerta Għawdxi! Min qal li f'pajjiżna m'hawnx razziżmu?

## Għawdex u l-Unjoni Ewropea

Kif wera l-istħarriġ imsejjaħ *Eurobarometer*, li sar fil-pajjiżi aspiranti kollha li applikaw biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea, Malta għandha l-akbar persentaġġ ta' nies li għadhom inċerti jekk jaqbel jew ma jaqbilx li Malta tissieħeb fl-Unjoni. Jiena nħoss li f'Għawdex għad baqa ħafna nies li huma sajmin għal kollox mill-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-sħubija fl-U.E. Tabilħaqq, ikun hemm bosta nformazzjoni fil-gazzetti lokali, imma għal ħafna nies, din l-informazzjoni qed tibqa' għaddejja minn fuq l-irjus u ma tasalx fil-moħħ ta' numru kbir ta' Għawdxin.

Għaldaqstant hu pass ta' min ifaħħru li fil-Kumpless ta' Tiġrija Palazz, mill-ewwel tas-sena beda jopera uffiċċju ta' informazzjoni kollu kemm hu dedikat biex jagħti tagħrif sħiħ dwar x'jista' Għawdex jibbenefika jew le jekk nissieħbu fl-Unjoni Ewropea. Fost il-pjanijiet li għandu dan l-uffiċċju, insibu li ser isiru laqgħat mad-diversi Kunsilli Lokali ta' Għawdex ħalli mbagħad, il-kunsillieri min-naħa tagħhom, jinfurmaw liċ-ċittadini tal-belt jew raħal tagħhom. Xieraq li ngħidu ukoll li jkun utli li nisimgħu il-qniepen **kollha** dwar din il-kwistjoni li tolqot il-ġejjieni ta' pajjiżna u tal-gżira tagħna. Iktar ma jkun hemm informazzjoni wiesgħa iktar inkunu nistgħu niddeċiedu b'għajnejna miftuħa.

Sadanittant xieraq li nsemmu li donnha qegħda tikber il-konverġenza bejn il-politiċi ta' pajjiżna biex Għawdex jiġi tassew rikonoxxut bħala reġjun għalih. Fi żmien l-amministrazzjoni tal-gvern ta' qabel kienu qed isiru tħejjijiet għal kunsill reġjonali. Dawn waqfu ħesrem minħabba bidla fil-gvern. Issa dan l-aħħar il-Kamra tal-Kummerċ t'Għawdex qed terġa' ssemmi dan il-fatt u qed tinsisti ma' l-awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali biex fit-taħdidiet li għaddejjin ma' l-Unjoni Ewropea, Għawdex jiġi kunsidrat reġjun għalih. F'din il-ħaġa l-Kamra tal-Kummerċ tara vantaġġi kbar. Qed jingħad li Għawdex bħala reġjun għalih jiġi kkunsidrat taħt il-klassifika "*Objective One*". Din il-klassifika tagħti dritt li Għawdex li jibbenefika għal ċerta assistenza u ċerti vantaġġi akbar minn dawk li tibbenefika l-gżira ta' Malta. Tgħid għalhekk hemm ċerta oppożizzjoni min-naħa tan-negozjaturi Maltin biex Għawdex ma jiġix kkunsidrat reġjun għalih?

Għalhekk rridu aktar informazzjoni. Biex niċċaraw l-imħuħ tagħna lkoll u biex dak kollu li jġib benefiċċju għal Għawdex nissieltu għalih.






L-INTERVISTA

# Għawdxin f'Melbourne

INTERVISTA MINN DUN EDDIE ZAMMIT
LIL TLIET GHAWDXIN F'MELBOURNE, AWSTRALJA:
DUN MANWEL BONELLO, RAYMOND GRECH U CHARLIE APAP

## DUN MANWEL BONELLO - KAPPILLAN

1. ***Meta bdejt il-ħidma tiegħek fl-Arċidjoċesi ta' Melbourne u ma' liema gruppi ħdimt f'dawn is-snin?***



F'Ottubru ta' l-1983, erba' xhur wara l-ordinazzjoni tiegħi bħala saċerdot, bdejt il-ħidma tiegħi f'Melbourne bħala *assistent priest* fil-parroċċa ta' St. Brenden, Flemington, fejn domt tliet xhur. Wara għaddejt xi snin f'diversi parroċċi: East Keilor, Moreland, Moonee Ponds, North Reservoir, u issa ilni seba' snin u nofs bħala kappillan fil-parroċċa ta' St. Thomas More f'Hadfield. Jien l-uniku qassis f'dil-parroċċa ta' 1500 familja, imma għandi ħafna għajnuna mill-*Pastoral Associate* u l-lajċi.

F'kull parroċċa li ħdimt hemm l-iskola primarja li taqa' taħt id-direzzjoni tal-parroċċa, u bħala qassis naghti s-sehem tiegħi fuq livell spiritwali u pastorali, kif ukoll dak amministrattiv. Fl-iskola jeżistu l-grupp ta' l-għalliema u xi kumitati fost il-ġenituri. Hawn fil-parroċċa ta' Hadfield għandna 420 student fl-iskola. Is-sehem tiegħi huwa wkoll fost il-katekisti li jgħallmu d-duttrina lil tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern.

Grupp ta' nies oħra li naħdem magħhom huma l-komunitajiet tat-Taljani. F'kull parroċċa li ħdimt dejjem kelli quddiesa bit-Taljan nhar ta' Ħadd. Kważi nofs il-parroċċa ta' Hadfield huma taljani, għalkemm xi uħud huma tat-tieni jew tat-tielet ġenerazzjoni. Barra l-quddiesa tal-Ħadd, quddies ieħor bit-Taljan isir f'xi funeral u f'okkażjonijiet






oħra bħalma huma l-festi ta' Sant'Antnin u dik ta' l-Immakulata, meta issir ukoll il-purċissjoni u attivitajiet soċjali organizzati mill-kumitat tat-Taljani tal-parroċċa.

Hemm diversi gruppi oħra żgħar fil-parroċċa li jiltaqgħu ta' sikwit għal talb jew *social get-together*. Gruppi oħra involuti fil-ħajja pastorali tal-parroċċa huma: il-Kunsilli Parrokkjali, il-Grupp Liturġiku, ir-*Rite of Christian Initiation of Adults*, il-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija, il-letturi, l-animaturi, l-abbatini subien u bniet, il-kantanti, u dawk li jieħdu ħsieb il-ġbir tal-flus fil-Knisja. Hemm ukoll il-gruppi tas-*St. Vincent de Paul Society* li jieħdu ħsieb li jiġbru għajnuniet għall-foqra, il-*Godstart* li jagħti attenzjoni permezz taż-żjajjar lill-ġenituri tat-tfal taħt l-erba' snin, u fl-aħħarnett il-*Bereavement Group* li jagħmlu żjajjar lil nies li jkun mitilhom xi ħadd fil-familja.

**2. *F'Melbourne hemm numru ta' saċerdoti maltin. Ġie li jkollkom laqgħat ma' xulxin? Kif iħarsu lejn is-saċerdoti u lejn il-ħidma tagħhom il-parruċċani tagħkom?***

Grupp ta' għaxar saċerdoti maltin niltaqgħu darba fix-xahar għal ħin ta' talb flimkien u rikreazzjoni. Dan huwa speċi ta' *support group*. Qassisin Maltin u Għawdxin f'Melbourne u Victoria hawn 27: 11 reliġjużi, 15 djoċesani u isqof. Fost ir-reliġjużi, tnejn minnhom huma kappillani ta' parroċċa, u l-oħrajn huma viċi-parroċi jew *chaplains* ta' l-emigranti u anki ta' skejjel sekondarji. Fost id-djoċesani hemm 9 kappillani ta' parroċċa u l-oħrajn viċi-parroċi.

Darbtejn fis-sena, f'Diċembru u f'April, niltaqgħu lkoll flimkien. Jiena jidhirli li l-maġġoranza ta' parruċċani jilqgħuhom tajjeb lis-saċerdoti, u sa fejn naf jien is-saċerdoti Maltin huma milqgħuha u rispettati mhux biss minn ħutna maltin iżda wkoll minn persuni ta' nazzjonijiet oħra. Għal ħafna mill-awstraljani il-qassis malti huwa "*fair dinkum*", jiġifieri ġenwin fil-ħidma tiegħu.



*L-Isqof Joseph Grech flimkien ma' saċerdoti Għawdxin li kienu fuq żjara f'Melbourne. Mix-xellug: Dun Frankie Sultana, l-Isqof Grech, Mons. Girgor Grech, Fr. Joe Galea, Dun Manwel Bonello, Fr. John Muscat.*



Ta' min isemmi wkoll ir-rispett muri lilna minn sħabna qassisin u isqfijiet. F'ittra ta' ringrazzjament wara l-*bar-b-cue* tas-saċerdoti maltin u l-isqfijiet f'April, l-Arċisqof Frank Little kiteb: "... *I write to renew to you my thanks for inviting me to the great gathering of the maltese priests of Melbourne. It always gives me quite a thrill to see them gathered together. They are quality priests with no identity problems. They know to whom they have committed themselves and demonstrate their happiness in their dedication...*"

3. ***F'Melbourne hemm numru kbir ta' familji Maltin u Għawdxin. Kemm għadhom ħajjin ir-rabtiet mal-gżejjer tagħna ta' dawn il-familji? X'kuntatt iżżomm magħhom?***



Madwar għoxrin fil-mija (20%) tal-parruċċani ta' Hadfield huma Maltin u xi uħud minnhom huma tat-tieni jew tat-tielet ġenerazzjoni. Ħafna minn dawn il-maltin huma attivi fil-liturġija tal-Ħadd u l-ħidma parrokkjali, u mdaħħlin fi gruppi spiritwali u soċjali jew fil-klabb ta' l-anzjani. Minn 95 persuna fil-parroċċa li huma ministri straordinarji ta' l-Ewkaristija, 18 minnhom huma maltin. Fil-parroċċa ta' Hadfield issir ukoll il-festa ta' Santa Katerina, organizzata mill-maltin speċjalment nies miż-Żejtun u miż-Żurrieq.

F'Melbourne ħafna għaqdiet jiċċelebraw il-festa tal-parroċċa tagħhom f'Malta u Għawdex. Insemmi biss dawk ta' Għawdex: Santa Marija, il-Madonna Ta' Pinu, San Ġorġ, San Ġwann Battista, San Pietru u San Pawl, San Lawrenz, San Ġużepp u tal-Vitorja. Il-festi jsiru b'quddiesa l-Ħadd wara nofsinhar u purċissjoni bil-banda. Wara l-funzjoni n-nies tinġabar f'xi sala għad-daqq tal-banda u għall-briju. Is-Sibt ta' qabel il-festa jsir *dinner-dance* f'xi sala tar-riċeviment. Hemm ukoll min jibda l-festa b'quddiesa l-Ġimgħa filgħaxija. Jiena ġie li nkun mistieden biex inqaddes jew nikkonċelebra f'xi festa.

Ir-rabtiet tal-familji Maltin u Għawdxin f'Melbourne mal-gżejjer tagħna huma mgħejjunin ukoll minn aġenziji oħra f'Melbourne bħal per eżempju: iċ-Ċentru Malti f'Parkville, il-Kunsill Malti, id-Dar tal-Patrijiet tas-Soċjetà ta' San Pawl, iċ-Ċentru Kulturali Malti f'Albion, l-Uffiċċju tal-Konsolat fil-belt ta' Melbourne u ċ-Ċentru ta' Devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu f'Bacchus Marsh. Hemm ukoll is-Soċjetà tal-MUSEUM li tiġbor it-tfal ta' Maltin u anki oħrajn għat-tagħlim skond l-ispirtu ta' Dun Ġorġ.

Nhar is-17 ta' Ġunju 2001 saret konċelebrazzjoni pontifikali fil-Katidral ta' Melbourne immexxija mill-Isqof Dennis Hart li llum huwa l-Arċisqof ta' Melbourne, biex titfakkar l-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Adeodata Pisani. L-Isqof Malti Joseph Grech għamel il-priedka f'din l-okkażjoni u jiena kont fost il-konċelebranti maltin u awstraljani li ħadu sehem. L-attendenza tal-Maltin u l-Għawdxin kienet verament numeruża, u din hija esperjenza oħra ta' kemm il-Maltin u l-Għawdxin f'Melbourne żammew ħajjin ir-rabtiet tagħhom mal-gżejjer maltin.

# CHARLIE APAP - POLITIKANT



1. ***X'kienu l-ħidmiet prinċipali tiegħek kemm ilek li emigrajt?***
Jiena kont naħdem il-*Wharf* ġewwa *Port Melbourne* fuq il-*Water Front* u domt naħdem hemm għal 34 sena. Hemmhekk konna naħdmu bix-*shift*, u kien ikolli xi ġranet u ħinijiet *off* matul il-ġimgħa. F'dan il-ħin liberu, meta kien ikolli żmien, kont ukoll naħdem fix-xogħol tal-bini tad-djar u anke jien stess kont nibni xi dar.

2. ***Inti involut fil-ħajja politika ta' Melbnourne. Kemm ilek f'din il-ħidma u kif nibtet ix-xewqa li tidħol f'dan il-kamp? X'kienu l-karigi amministrattivi li okkupajt f'dawn is-snin ta' ħidma politika?***
Ilni diġà 34 sena involut fil-politika, minn kemm ilni naħdem fuq il-*Wharf*. Ħafna Maltin u Għawdxin li kienu jaħdmu fuq il-*Wharf* ħassejt li għandhom bżonn l-għajnuna u jien kont naqbeż għalihom mal-*Union*. Wara erba' snin dħalt ma' l-*Australian Labour Party* u fl-1975 ħriġt bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Kunsill u ġieli tlajt u ġejt magħżul bħala kunsillier. Fl-1980 jiena kont l-ewwel Għawdxi li lħaqt *Mayor* (Sindku) ta' *City* (lokalità) ġewwa Melbourne.

F'daż-żmien kollu kont involut f'ħafna karigi, u xi ħbieb tiegħi jgħiduli li ħadd ma rnexxielu jkun involut daqsi. Għaliex il-karigi amministrattivi li okkupajt kienu: Kunsillier fi tliet *cities* (tliet sindakati differenti), *City Of Sunshine, City of Keilor* u *City of Brinbank*. Kont sirt *Mayor* tas-*City of Keilor* u darb'oħra kont *Mayor* tas-*City of Brinbank*.

Bħalma taf int diffikultajiet kulħadd isib speċjalment meta trid taqdi lil kulħadd imma xi darba ma tkunx tista tagħmel mirakli. Jiena l-hena tiegħi hija li nkun nista naqdi lil kull min jitlobni xi pjaċir. Hawn fi *Brinbank City* għandna ħames *Clubs* ta' komunitajiet Maltin li jiltaqgħu kull ġimgħa għal *social gathering*. Wieħed




*Flinders St. Station, f'Melbourne*




*Is-Sur Charlie Apap, waqt waħda mill-attivitajiet uffiċċjali, meta kien jokkupa l-kariga ta' sindku*

minnhom fih 700 membru. Dawn jirrekjedu xi għajnuniet mill-Kunsill u jiena ħafna drabi nkun mistieden għal-laqgħat tagħhom u ġieli nżurhom biex inkun nista' ngħinhom aħjar.



**3. *X'messaġġ tixtieq twassal lil dawk kollha li kultant jixtiequ jaħdmu fil-qasam politiku jew soċjali?***

Biex wieħed jidħol fil-qasam politiku jew soċjali jeħtieġ li l-għan tiegħu dejjem ikun li jaqdi lil ħaddieħor. Jeħtieġ li wieħed ikun ħabrieki u kuraġġuż. Ħaġa li għenitini ħafna biex nirnexxi fil-politika kien is-*support* jew appoġġ shiħ tal-mara tiegħi u l-familja kollha. Jiena naħseb li biex wieħed verament jirnexxi fil-politika, barra li jikseb popolarità fost in-nies, jeħtieġ li jkun aċċettat u issapportjat minn dawk qrib tiegħu speċjalment il-membri tal-familja tiegħu.



Dehra tax-xmara Yarra
u tal-belt ta' Melbourne




## RAYMOND GRECH

1. ***Kemm ilek li emigrajt l-Awstralja u għaliex għażilt dan il-pajjiż? X'jogħġbok l-iktar fl-Awstralja u Melbourne partikularment?***

Jiena emigrajt xi ħmistax il-sena ilu. Għażilt l-Awstralja għax dejjem kont miġbud lejn pajjiż kbir ħafna, fejn hemm kull opportunità fejn wieħed jista' jirnexxi. Melbourne hi belt moderna, daqsxejn żgħira fl-età, kontinwament iżżid fil-popolazzjoni u tikber. Għaldaqstant toffri lil kull resident sew jekk Awstraljan sew jekk emigrant, l-istess possibilità u opportunità mingħajr preġudizzji, fi klima u armonija ta' pajjiż demokratiku fejn kulhadd hu aċċettat u rispettat.

2. ***X'kienu x-xogħlijiet tiegħek u kif ġietek l-idea li tiftaħ business għal rasek? Sodisfatt bl-inizjattivi li ħadt fuq ix-xogħol? X'possibiltajiet hemm għal Għawdxin bħalek li joħolqu inizjattivi ġodda ta' xogħol kif għamilt inti?***

Meta wasalt hawn Melbourne, kont imlebleb biex nibda naħdem, peress li qatt ma kont ħdimt qabel. L-ewwel xogħol li kelli kien ta' *bar tender/waiter*. Rajt li dan ix-xogħol għoġobni u għalhekk wara ftit snin sibt ruħi *manager* ta' *restaurant*. F'dan ix-xogħol ksibt esperjenza f'din l-industrija u għalhekk kelli l-opportunità li niftaħ *restaurant* għal rasi. Ilni f'dan il-lokal sitt snin.

Naturalment hemm ħafna problemi li jiġru ma' persuna li jkollha il-*business* tagħha. Però hemm ukoll ħafna sodisfazzjon fejn wieħed jara l-ħolma tiegħu tirnexxi u tikber. Aħna l-emigranti li ngħixu l-Awstralja qegħdin nemanċipaw rwieħna kontinwament u għalhekk nieħdu kull opportunità biex nikbru f'din il-kultura



*Raymond Grech waqt servizz fir-restaurant tiegħu "Cafe` al angolo"*



L-istaff tar-restaurant "Cafe` al angolo" flimkien ma' xi ħbieb

differenti. Iktar ma aħna nsiru parti minn din is-soċjetà iktar aħna għandna ċans li ninfluwenzaw u nservu f'kull xogħol u professjoni.

3. ***Kemm huma ħajjin ir-rabtiet bejn il-familja tiegħek u ta' martek u dawk tal-familjari tagħkom f'Għawdex? Kif tarah lil Għawdex minn dak il-bogħod u l-kobor kollu?***

Għalkemm Malta tinsab ħafna 'il bogħod mill-Awstralja, jiena dejjem żammejt kuntatt mal-familja li għandi hemm. It-telefon u l-internet illum ħadu post l-ittri li kienu jieħdu ġimgħat biex jaslu. Għaldaqstant meta jiena naqbad it-telefon u nkellem lil tagħna, nisthajjilni qiegħed Malta stess. Fortunatament kull sentejn jiena ninżel bil-familja biex ngħaddu ftit ġimgħat ngawdu lil Għawdex u lill-familjari tagħna. Għalkemm il-mara u t-tfal twieldu l-Awstralja huma jħobbu ferm lil Għawdex, li għalkemm hu żgħir għandu karatteristiċi li hawn l-Awstralja f'dan il-kobor kollu ma nsibux. Għawdex hu art twelidi, il-lokal fejn trabbejt, u għalhekk huwa post uniku. Bħal musbieħ dejjem inħossu inemnem f'qalbi!



It-tliet Għawdxin intervistati quddiem ir-restaurant ta' Raymond

# L-GĦOTI TAD-DEMM f'Għawdex

*Dun Eddie Zammit*

L-Għawdxin huma magħrufin għall-ġenerożità tagħhom. Ma jkunx hemm kampanja ta' karità li l-Għawdxin kollha kemm huma ma jagħtux is-sehem sħiħ tagħhom. F'dawn l-aħħar snin l-Għawdxin ta' qalb tajba qegħdin ukoll jaqsmu u joffru wieħed mill-isbaħ rigali li l-Mulej żejjinna bih, wieħed mill-elementi prinċipali tal-ħajja tagħna, d-demm tagħna. Mhux l-ewwel darba li nisimgħu b'xi nċident tat-traffiku jew fuq il-post tax-xogħol, u li kieku ma jkunx għall-intervent ta' malajr biex jagħtu d-demm lill-ferut kieku ma jkunx hemm wisq tama ta' għajxien. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għal min irid jidħol għal xi operazzjoni kbira u jeħtieġlu jirċievi ħafna demm. Ftit forsi jaħbat ma' rasna li dak id-demm li jingħata u li ħafna drabi jiġi merfugħ għall-emerġenzi bħal dawn u oħrajn, jiġi mogħti b'ġenerożità u sagrifiċċju minn diversi donaturi tad-demm. F'Għawdex mill-1996 għandna ċentru tat-transfużjoni tad-demm li huwa miftuħ il-ġimgħa kollha mit-Tnejn sas-Sibt biex jirċievi d-donazzjonijiet tad-demm ta' l-Għawdxin.

Minn meta nfetaħ fis-17 ta' Frar tal-1996, f'sitt snin ingħataw 7819 il-donazzjoni. Dawn kienu mqassmin hekk:

| *Sena* | *Total* | *Sena* | *Total* |
|---|---|---|---|
| **1996** | 816 | **1999** | 1504 |
| **1997** | 1267 | **2000** | 1901 |
| **1998** | 1313 | **2001** | 1818 |

Kif wieħed jista jinnota minn din it-tabella żgħira n-numru ta' donaturi baqa' dejjem jiżdied ħlief għas-sena li għaddiet fejn kien hemm tnaqqis żgħir. Aħna nixtiequ li matul din is-sena li għadna fil-bidu tagħha nagħmlu appell lill-Arċiprieti u Kappillani u dawk is-saċerdoti kollha li għandhom Ċentri taż-żgħażagħ, kif ukoll lis-Sindki Għawdxin biex jistiednu żgħażagħ u persuni oħra biex isiru donaturi permanenti tad demm. Raġel jista' jagħti d demm kull 3 xhur filwaqt li mara tista tagħti kull 4 xhur. Persuni 'l fuq minn 18 il-sena jistgħu jagħtu d-demm regolarment. Xieraq li dan l-appuntament tal-karità ma nħalluhx biss okkażjoni ta' darba fis-sena fl-okkażjoni tal-festa jew xi programm ta' ċelebrazzjoni partikulari, imma jkun att kontinwu ta' mħabba li għandna noffruh kontinwament. Dan l-att ta' karità m'hemmx prezz għalih. Jingħata b'imħabba u jiġi apprezzat ħafna mill-marid. Niftakru li xi darba nistgħu nkunu aħna li niġu bżonn din il-karità kbira.

Il-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentru fl-Isptar t'Għawdex huma: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30a.m.-11.30a.m. Is-Sibt:8.30-11.00a.m. Iċ–Ċentru jiftaħ ukoll il-Ħadd darba fix-xahar. Id-Donaturi Għawdxin li taw id-demm matul is-sena 2001 ġew minn dawn il-postijiet:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Victoria | 483 | Għarb | 71 |
| Nadur | 258 | Żebbuġ | 53 |
| Xagħra | 198 | S. Lawrenz | 53 |
| Xewkija | 170 | Fontana | 46 |
| Sannat | 102 | Marsalforn | 26 |
| Għajnsielem | 94 | Għasri | 13 |
| Kerċem | 80 | S. Luċija | 6 |
| Munxar | 79 | Xlendi | 4 |
| Qala | 77 | (Maltin) | 5 |

**Total: 1818**

Nagħmlu ħilitna kollha biex matul din is-sena norganizzaw ġurnata ta' l-għotja tad-demm ħalli nagħmlu kuraġġ lil xulxin u ngħinu lil dawk li huma morda jew f'sitwazzjoni ta' bżonn kbir għal dan l-element tal-ħajja.


Ta' Pawlu



Bar & Restaurant

*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382

**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

PINE FOREST

For all kind of Real Furniture with affordable prices



*Joseph Borg*
*67, Pjazza l-Assedju*
*ta' Għawdex 1551,*
*Victoria, Gozo - Malta.*

*Tel:* (00356)2156 3372
*Fax:* (00356)2156 5665

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# RISPETT għall-ħajja



## ID-DELITTI KONTRA L-ĦAJJA

**Lista tal-mistħija**

- Ġenoċidju
- Abort
- Ewtanasja
- Is-Suwiċidju Volontarju
- Il-Mutilazzjoni
- It-Torturi fiżiċi jew psikoloġiċi
- L-Arresti bla raġuni
- Id-Deportazzjonijiet
- Il-Jasar
- Il-Prostituzzjoni
- Il-Kummerċ tan-nisa u tat-tfal
- Il-Kundizzjonijiet tax-xogħol li ma jixirqux lill-bniedem

**Dawn kollha**
*** jtebbgħu ċ-ċiviltà tal-bniedem**
*** jagħmlu diżunur lil Alla l-Ħallieq.**

(Konċilju Vatikan II, Gaudium et Spes, n.27)

## ATTENTATI ĠODDA KONTRA L-ĦAJJA

*Fil-"Vanġelu tal-Ħajja", il-Papa Ġwanni Pawlu II jilmenta li s-seklu 20 se jibqa' mfakkar bħala s-seklu ta' l-akbar attakki kontra l-ħajja minħabba:*

- il-vjolenza (mibgħeda, qtil, terroriżmu u gwerer)
- il-moħqrija kontra t-tfal
- il-ġuħ u l-miżerja
- il-kummerċ skandaluż ta' l-armi
- it-tixrid kriminali tad-droga
- il-permessività: (Kollox jgħaddi u xejn mhu xejn)
- il-konfuzjoni tal-kuxjenzi (għal xi uħud dak li hu "delitt" iqisuh "dritt")
- ċerti "delitti" ġew saħansitra legalizzati mill-istat
- il-kultura tal-mewt mxerrda mill-*mass media* li jiffavorixxu il-kontraċezzjoni, l-isterilizazzjoni u l-abort bħallikieku kienu xi sinjal ta' progress u rebħa għal-libertà.

## IL-MESSAĠĠ NISRANI TAL-ĦAJJA

**Kristu t-Triq, s-Sewwa u l-Ħajja tana l-Aħbar it-Tajba li:**

Il-**Ħajja** hi l-aqwa ġid
Il-**Ħajja** hi rigal t'Alla
Il-**Ħajja** hi qaddisa u nvjolabbli.
Ħadd ma jista' jmissha.
Il-**Ħajja** hi sagra mill-bidu sat-tmiem.

### Mill-Bidu .....

Il-ġenituri huma kollaboraturi ma' Alla fit-tnissil ta' ulied ġodda. Huwa dmir ta' kulħadd: *ġenituri, tobba, leġislaturi*

- **li jilqgħu l-ħajja**
- **li jiddefendu l-ħajja**
- **li jindukraw il-ħajja**

### .....Sat-Tmiem

Huwa biss Alla l-Ħallieq Sid il-Ħajja. F'idejh huma l-ħajja u l-mewt. Għalhekk kulħadd hu fid-dmir li jgħożż u jirrispetta l-ħajja tiegħu u ta' l-oħrajn.



## LA TOQTOLX!
## LE GĦAL QTIL TA' L-INNOĊENTI

*IL-PAPA:*

"Il-qtil dirett u volontarju ta' persuna umana innoċenti huwa dejjem moralment gravi".

"Xejn u ħadd ma jista jawtorizza l-qtil ta' esseri nnoċenti
- sew jekk ikun fetu jew embrijonu
- sew tarbija jew kbir
- sew xiħ jew marid
- sew jekk inkurabbbli jew agonizzant"

"L-ebda awtorità ma' tista tirrikmanda jew tippermetti qtil."

(*Dikjarazzjoni dwar l-Ewtanasja 08-05-80*)

## LE GĦALL-ABORT

*IL-PAPA:*

"L-Abort dirett jiġifieri mmirat bħala skop jew mezz hu dejjem dnub gravi, inkwantu hu qtil ta' esseri nnoċenti
...Ebda ċirkustanza, ebda raġuni jew skop, ebda liġi fid-dinja ma jistgħu jagħmlu leċitu dak li fih innifsu huwa lleċitu għax hu kontra il-liġi t'Alla".

## LE GĦALL-EWTANASJA

*IL-PAPA:*

..."l-Ewtanasja hi ksur gravi tal-Liġi t'Alla minħabba li hi qtil deliberat u moralment mhux aċċettabbli ta' persuna umana".




## IVA GĦALL-ĦAJJA

**Inkunu *Pro-Life* u *Pro-Family***

*Aħna l-insara:*
*Poplu favur il-ħajja u favur il-familja.*

Għalhekk

1. **Inxandru l-Vanġelu tal-Ħajja**
   - mingħajr biża'
   - mingħajr kompromessi
   - mingħajr ambigwità
2. **Nagħtu xhieda** u nġibu 'l quddiem il-Kultura tal-Ħajja.




## FIL-PRATTIKA
## X'NISTGĦU NAGĦMLU?

1. Nagħmlu attivitajiet favur il-Ħajja.
2. Inwettqu l-Opri tal-Ħniena ma' l-emarġinati.
3. Nuru rispett lejn il-Maternità waqt it-tqala.
4. Ikollna mħabba preferenzjali lejn il-foqra u lejn min hu waħdu jew diżabilitat.
5. Assistenza tal-morda, speċjalment fit-tmiem ta' ħajjithom, u kura ta' l-anzjani.
6. Edukazzjoni taż-żgħażagħ biex jagħtu servizz volontarju favur il-batuti.
7. Għajnuna liċ-Ċentri
   - ta' Assistenza u Għotjiet ta' Demm
   - ta' Pariri taż-żwieġ u tfal iltiema.
   - ta' Għajnuna lill-Ommijiet mhux miżżewġa.
   - ta' Rijabilitazzjoni ta' l-iddrogati.
   - ta' Assistenza lill-morda bl-Aids.
8. Niċċelebraw Jum il-Morda biex nissensibilizzaw il-kuxjenza dwar il-ħtieġa li nagħtu għajnuna lill-morda u lil min qed ibati.

BOOKMARK

## L-ALMANAKK GĦAWDXI 2002

Pubblikazzjoni *Caritas Għawdex*,
Gozo Press, Għajnsielem, Għawdex 2001. pp. 64

# *EDIZZJONI OĦRA TA' L-ALMANAKK GĦAWDXI GĦAS-SENA ĠDIDA 2002*

*Għall-ħames sena konsekuttiva il-"Caritas" tad-djoċesi f'Għawdex għadha kemm ħarġet u qassmet lill-Għawdxin kollha l-edizzjoni ta' l-"Almanakk Għawdxi" għas-sena 2002. Din il-publikazzjoni annwali titqassam b'xejn lill-familji kollha f'Għawdex. Dawn jgħoddu madwar 12,000.*




*"L-Almanakk Għawdxi" għal din is-sena jiġbor fih 64 paġna mimlija nformazzjoni utli dwar il-ħidmiet diversi tal-Caritas f'Għawdex, il-kalendazzjoni bil-qaddisin, festi u dettalji oħra matul il-jiem tas-sena 2002, kif ukoll direttorju telefoniku utli ħafna tal-entitajiet, istituzzjonijiet, uffiċċini u dipartimenti, kunsilli u parroċċi, għaqdiet, u servizzi reliġjużi u ċivili fil-gżira Għawdxija. Fih insibu ukoll artikli nteressanti dwar Ċentinarji Għawdxin li jaħbtu din is-sena, kultura artistika u sports f'Għawdex.*

*Għalkemm dan l-almanakk f'Għawdex jitqassam b'xejn f'kull dar, il-"Caritas-Għawdex" tappella lill-pubbliku għal offerta libera fl-invilops ipprovdut b'risq il-ħidma tagħha f'Għawdex. Dawk interessati f'Malta li jixtiequ jakkwistaw kopja ta' dan l-Almanakk Għawdxi 2002, għandhom jibgħatu mhux inqas minn 50c f'bolol lill-Amministratur, Lumen Christi Media Centre, Victoria Għawdex, u jirċevuh bil-posta. Jinstab ukoll għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi: Preca Library, Blata l-Bajda; "Il-Qarrej Nisrani", Ħamrun; Catholic Book Centre, Paola; u fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.*

*L-Għawdxin li baqgħu bla kopja jew li jixtiequ aktar kopji biex jibgħatuhom lill-emigranti tagħhom, għandhom imorru jakkwistawhom mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria.*

***Dun Anton Sultana***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36




## L-Aġenda tal-Papa għal din is-sena

L-aktar ġrajja mistennija għall-2002 hi l-Ġurnata Dinjija taż-Żgħażagħ, li għandha ssir f'Lulju f'Toronto, fejn aktar minn 500 elf parteċipant huma mistennija jattendu.

Il-gvern Bulgaru kkonferma li l-Papa se jżur Sofija fl-aħħar ta' Mejju. Il-vjaġġ ġie approvat mill-Knisja Ortodossa Bulgara li għall-ewwel opponiet iż-żjara. Se tkun pass ieħor fl-isforzi tal-Papa għall-għaqda sħiħa mal-Knisja Ortodossa.

F'udjenza privata l-Prim Ministru Pollak Leszek Miller stieden lill-Papa biex iżur għat-8 darba l-Polonja fl-2002.

Sorsi fl-istampa alludew għal żjajjar possibbli tal-Papa fl-Azerbaijan u fil-Bielorussja.

Din is-sena hi mistennija li toħroġ l-eżortazzjoni apostolika "*Il-Knisja fl-Ewropa*", li tiġbor il-konklużjonijiet tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet Ewropej fl-1999.

Jista' jkun li tul din is-sena jiġu dikjarati Qaddisin tlett personaġġi magħrufa: Padre Pio, Josemaría Escrivá de Balaguer (fundatur ta' l-*Opus Dei*) u Juan Diego ta' Guadalupe fil-Messiku.

## Arġentina: il-kriżi hi waħda morali

Il-Konferenza Episkopali ta' l-Arġentina ħeġġet lill-politiċi biex jaffaċċjaw ir-rwol tagħhom fil-kriżi tan-nazzjon, billi qalet li apparti l-ekonomija u l-politika, il-probemi huma r-riżultat tal-korruzzjoni morali tal-mexxejja.

L-isqfijiet ħadu passi biex il-qagħda ma tmurx aktar għall-agħar. Per eżempju, offrew il-binja ta' grupp tal-Caritas biex jintuża bħala post fejn jiltaqgħu persuni mid-diversi setturi tas-soċjetà, bi skop ta' djalogu bejniethom.

Is-serje ta' riżenji presidjenzjali bdiet fl-20 ta' Diċembru li għadda, meta Fernando de la Rúa irriżenja qalb irvell imdemmi. Għaxart ijiem wara, is-suċċessur tiegħu, il-Peronist Adolfo Rodríguez Saá, irriżenja wara li tilef is-support tal-partit tiegħu, wara protesta kontra l-amministrazzjoni qasira tiegħu. 92% tas-37 miljun abitant ta' l-Arġentina huma Kattoliċi.

## Ir-Russja: aktar nies lura għall-fidi

Il-Patrijarka Alexy II ta' Moska qal li miż-żjajjar pastorali tiegħu fl-2001 seta' jara li aktar u aktar nies qed jirritornaw għall-fidi ta' missirijiethom. Eluf ta' pellegrini, fosthom ħafna tfal, qal, ġew jitqarbnu "*Dan kollu juri li r-ruħ Ortodossa tal-poplu hi ħajja u r-restawrazzjoni għall-qawwa ta' qabel hija fil-qrib*".

## Arabja Sawdita: Insara fil-ħabsijiet

Tlettax-il nisrani minn pajjiżi barranin għaddew il-Milied u l-Ewwel tas-Sena f'ħabs fl-Arabja Sawdita, minħabba l-prattika reliġjuża tagħhom. L-offiżi kontra l-liġijiet stretti tas-Sawdi Arabja, li jipprojbixxu l-prattika ta' reliġjonijiet apparti l-Islam, huma meqjusa bħala kriminalità serja.

## Irkant għall-vittmi tal-gwerra

Fi sforz straordinarju biex jinġabru fondi għall-vittmi tal-gwerra fl-Afganistan, il-Vatikan ippjana rkant li jinkludi opri ta' l-arti, kotba u anke ċrieket ta' l-isqfijiet.

Il-Kardinal Crescenzio Sepe ħabbar l-irkant tas-17 ta' Jannar li għadda, fl-uffiċċji tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizazzjoni, u qal li l-qligħ imur għall-vittmi tal-gwerra, b'mod partikolari għat-tfal. Żied igħid li l-Papa inkoraġixxa dan l-irkant. L-oġġetti irkantati ngħataw minn diversi isqfijiet li xtaqu jibqgħu anonimi.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ⑥



# L-Istoriċità ta' l-Evanġelji

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## L-Oriġini tal-Vanġelu

Liema kien il-bidu jew l-oriġini ta' l-Evanġelju? Bdew bħala l-messaġġ tal-katekeżi ta' l-Appostli, mogħtija minnhom wara li Kristu tela' fis-sema. Il-katekeżi tfisser it-tagħlim mogħti bil-kelma ħajja ta' l-Appostli u ta' l-ewwel komunitajiet insara, u permezz ta' din il-katekeżi, ġew imxandra d-duttrina u l-ġrajjiet tal-ħajja ta' Kristu.

L-ewwel elementi ta' din l-katekeżi kienu jirrispondu għall-ħtieġa li tiġi ppriedkata l-missjoni ta' fidwa mwettqa minn Kristu, u din il-predikazzjoni kienet tissaħħaħ bir-rakkont tal-qdusija tiegħu, tal-mirakli mwettqa minnu, tal-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet, kif ukoll bix-xhieda tal-profeziji tar-Rabta l-Qadima.

Hekk dixxipli ġodda xtaqu li l-bċejjeċ ta' informazzjoni jiġu midmuma flimkien u rakkontati b'ċertu ordni. Fil-bidu kien hemm il-Vanġelu, li l-Appostli kienu jxandru bil-kelma ħajja tagħhom. Ftit wara dehru wkoll il-Vanġeli miktubin. San Luqa fil-bidu tal-Vanġelu tiegħu (1.1) jgħid li kien hemm ħafna qablu li ppruvaw jiġbru l-fatti tal-ħajja ta' Kristu.

Il-Knisja bikrija, però, minn dawna l-kitbiet kollha għażlet erbgħa biss, u aċċettathom bħala storjografija uffiċjali, għaliex irrikonoxxiet fihom il-valur ta' l-ispirazzjoni divina. Il-Missirijiet tal-Knisja ta' l-ewwel sekli jirriferixxu unikament għal dawn l-erba' kotba, u diġa f'nofs it-tieni seklu ta' l-era nisranija, fost il-ġeġwiġija ta' Vanġeli apokrifi dawn l-erba' kotba biss għandhom awtorità fil-Knisja kollha. Tizjanu, meta kkompona d-*Diatessaron*, ċioè konkordanza jew l-armonija tal-Vanġelu, inqeda biss b'dawn l-erba' narrazzjonijiet. Huma ċioè l-erba' Vanġeli ta' Mattew, Marku, Luqa u Ġwanni.

Mattew, imsejjaħ minn Mark u minn Luqa bl-isem ta' Levi, kien iben Alfew u kellu l-impieg ta' publikan, ċioè li jiġbor it-taxxi għall-Imperatur. Meta ġie imsejjaħ minn Ġesù kien fl-uffiċċju tiegħu, ħalla kollox u mar wara l-Imgħallem (Mt 9.9).

Hemm ħafna xhieda favur l-awtentiċità ta' l-ewwel Vanġelu, ċioè li dan il-ktieb huwa tabilħaqq xogħol ta' Mattew, u xi wħud minn dawn ix-xhieda kienu jgħixu għall-bidu tat-tieni seklu. F'ċerti awturi ta' din l-epoka nsibu siltiet sħaħ meħudin mill-Vanġelu ta' Mattew. Hekk per eżempju fl-ittra ta' Barnaba, fl-ittra lill-Filippin ta' San Polikarpu, fl-Apoloġija ta' San Ġustinu u fl-ittra ta' Sant'Injazju Martri u San Klement Ruman. Iżda x-xhieda l-iktar ċara hija dik mogħtija minn Papia, isqof ta' Gerapoli, kif jirreferixxi Ewsebju fl-*Historiae Ecclesiasticae* (III, 39,16) fejn igħid "*Mattew qassam il-kliem fl-ilsien ebrajk, li mbagħad l-oħrajn fissru kif setgħu*"(M.G. 20,300).

Kittieba oħra bħal S. Irinew, Oriġene, Epifanju u d-dokument *Frangmentum Muratorianum* jaffermaw li dan il-Vanġelu nkiteb qabel l-Evanġelji l-oħra u għalhekk bid-dritt kollu jissejjaħ l-ewwel Vanġelu miktub.

L-awtur tat-tieni Vanġelu huwa Marku jew Ġwanni. Marku kien kuġin ta' Barnaba u aktarx li kien ukoll levita (Mt 4,36). Omm Marku, Marija kellha dar f'Ġerusalemm fejn kienu jiltaqgħu l-ewwel insara. San Pietru fl-ewwel ittra lil Marku, jsejjaħlu "*Ibni*"(15,13) u San Pawl, fit-tieni ittra lil Timotju (2 Tim. 4,11) jgħid li Marku kien għalih "*għajnuna siewja fil-ministeru apostoliku.*" Marku

kien f'Ruma, ħdejn San Pawl meta dan kien qiegħed jistenna li jiġi proċċessat minn Neruni (Kol.4, 10-11). Mill-ġdid insibuħ f'Ruma ma' Pietru fis-sena 63-64 wara Kristu (1 Pietru 5,13). It-tradizzjoni antika lil Marku issejjaħlu *sectator*, segreterju jew interpretu ta' Pietru. Dan l-appostlu kien jitkellem faċilment bl-aramajk, lingwa li r-Rumani ma kienux jifhmu jekk ma jkunx hemm interpretu.

Sa mill-antikità, l-Evanġelju ta' Marku kien meqjus bħala ġabra jew kitba li tiġbor fiha l-predikazzjoni ta' San Pietru, kif hemm ħjiel fl-Atti ta' l-Appostli (10,34-42). F'dan il-Vanġelu, il-figura ta' Pietru hija trattata b'iktar dettalji, u fiha jidhru wkoll id-difetti u d-debolizzi ta' Pietru.

Luqa, l-awtur tat-tielet Vanġelu, hu msemmi tliet darbiet fit-Testment il-Ġdid minn San Pawl (2 Tim 4,11) u jindikah bil-kelmiet "ħabib wisq għażiż" (Kol 4,14) u kollaboratur (Fil. 2,4). L-Atti ta' l-Appostli, opra oħra ta' Luqa, ssemmi bosta ċirkustanzi meta Luqa kien sieħeb San Pawl fil-vjaġġi missjunarji ta' dan l-Appostlu. Skond it-tradizzjoni, Luqa twieled f'Antijokja; allura ma kienx Lhudi, iżda ellenista skond ir-razza tiegħu u l-edukazzjoni li rċieva.

Ħafna kittieba bikrin u mhux ftit fil-għadd jaqblu flimkien li t-tielet Vanġelu huwa miktub minn Luqa. L-analisi nterna tat-tielet Vanġelu tagħtina wkoll ħjiel dwar l-awtur tat-Tielet Vanġelu. Hemm diversi karatteristiċi li jaqblu ma' dawk ta' l-Atti ta' l-Appostli. L-awtur kien dixxiplu ta' Pawlu, kien jaf jikteb tajjeb bil-grieg u espert fl-arti medika.

Luqa ma kienx wieħed mill-Appostli u għalhekk ma setgħax ikun xhud okulari kif kienu Mattew u Ġwanni. Iżda huwa stess jgħidilna kemm kien diliġenti biex jiġbor l-informazzjoni li kellu bżonn: "*Bosta kienu dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħu fostna, kif għaddewhom lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma. Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qagħdt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt*" (Lq 1,1-3).

L-awtur ta' l-aħħar Vanġelu huwa Ġwanni bin Żebedew u Marija Salome, li kien minn fost ta' l-ewwel li ġie msejjaħ minn Kristu għall-appostolat. Kien wieħed mid-dixxipli prediletti u fuqu nisimgħu ħafna fil-Vanġeli u fl-Atti ta' l-Appostli.



*San Ġwann - "id-dixxiplu l-maħbub"*

San Pawl jgħoddu bħala wieħed mill-kolonni tal-Knisja flimkien mal-kap ta' l-Appostli (Gal 2,9).

Lil Ġwanni jattribwixxu r-raba' Vanġelu ħafna mill-Missirijiet tal-Knisja, l-kittieba ekkleżjastiċi bikrin u saħansitra l-eretiċi ta' l-ewwel sekli. Il-knejjes kollha ta' l-ewwel żminijiet aċċettaw bħala miktub minn Ġwanni, r-raba' Vanġelu. Ċerti papiri li ġew skoperti xi snin ilu, li xi wħud minnhom huma tal-bidu tat-tieni sekli, għandhom xi siltiet minn dan ir-raba' Vanġelu.

## Awtentiċità

Minn dak li għidna dwar kull wieħed mill-Evanġelisti jirriżulta li l-erba' kotba għandhom tabilħaqq bħala awtur tagħhom lil Mattew, Mark, Luqa u Ġwanni. U dan huwa biżżejjed biex tidher l-awtentiċità tagħhom.

## L-Integrità

It-testi sagri tal-Vanġelu kellhom għadd kbir ta' kodiċi jew kopji, kif ukoll versjonijiet jew traduzzjonijiet, xi wħud minnhom antiki ħafna. Jekk wieħed iqabbel flimkien dawn il-ħafna testi u versjonijiet kif jagħmlu l-istudjużi tal-Bibbja, jinnota li hemm ħafna dettalji li fihom ma jaqblux, bħal ma huma żbalji ta' l-ortografija, xi abbrevjazzjonijiet, xi ommissjonijiet minħabba l-għajja jew nuqqas ta' kont ta' dawk l-amanwensi jew kopisti. Iżda min jeżamina t-testi u jagħmel paragun u konfront bejniethom ma jistax ikun li ma jintebaħx li hemm konkordanza jew qbil sostanzjali tan-narrazzjoni. Minn dan nistgħu nikkonkludu li l-Providenza t'Alla mexxiet kollox, sabiex il-knisja jista' jkollha f'idejha it-test li waslilha, mhux biss integru fis-sustanza tiegħu, imma anke ċert fid-dettalji aċċidentali kif turi l-kritika testwali.

*(jissokta)*

# ĦIDMA PASTORALI MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FI ŻMIEN IL-MILIED



## Kollaborazzjoni

*Fis-seminar li l-**Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ** kienet organiżżat f'Settembru li għadda fil-bidu ta' din is-sena pastorali, konna tkellimna ħafna fuq il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni fejn id-diversi għaqdiet u gruppi li jaħdmu maż-żgħażagħ, kemm fi ħdan il-parroċċi tagħna kif ukoll fuq il-livell djoċesan, u mhux biss kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet ekkleżjali, imma wkoll ma' dawk l-għaqdiet jew gruppi li ma jiddependux mit-tmexxija tal-Knisja. Għalhekk għal żmien il-Milied il-KDŻ ħadmet biex isiru xi attivitajiet għaż-żgħażagħ fuq livell djoċesan f'kollaborazzjoni ma' gruppi oħrajn. Barra l-irtir ta' nofs ta' nhar li l-KDŻ għamlet għaż-żgħażagħ nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru, il-KDŻ ikkollaborat ukoll mal-**Victoria Scout Group** u mal-grupp ta' volontarjat **Living with Hope** biex toffri inizjattivi dejjem ġodda għaż-żgħażagħ tagħna.*

*Bil-għajnuna tal-**Victoria Scout Group** offrejna esperjenza ta' ġurnata scouting liż-żgħażagħ. Sfortunatament il-parteċipazzjoni kienet fqira, imma xorta kienet esperjenza ferm sabiħa għal dawk li attendew. Flimkien mal-grupp **Living with Hope** organizzajna żewġ attivitajiet ta' voluntarjat, waħda għat-tfal ta' **Lourdes Home** nhar is-17 ta' Diċembru, u l-oħra nhar l-Epifanija. Barra minn hekk, ta' min isemmi wkoll li matul il-vaganzi tal-Milied il-ħostel ta' Marsalforn immexxi mill-KDŻ laqa' żewġ gruppi ta' żgħażagħ, wieħed minn Għawdex u l-ieħor minn Malta.*

**Dun Giovanni Curmi**

## Ġurnata kamp għaż-Żgħażagħ

Wara li l-kumitat tagħna ddeċieda li nagħmlu Kamp, ilqajna l-istedina tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ u fi spirtu ta' kollaborazzjoni stedinna liż-żgħażagħ Għawdxin biex jiġu jqattgħu ġurnata magħna u jduqu ftit mill-esperjenza ta' l-*iscouting*.

Il-Kamp inżamm fi żmien il-vaganzi tal-Milied, mit-3 sa l-4 ta' Jannar, fil-bajja sabiħa tad-Dwejra. Wasalna fil-post fit-tmienja ta' filgħodu, u minħabba t-temp xejn sabiħ u x-xita tqattar, kellna nħaffu aktar mis-soltu biex intellgħu t-tinda.

F'dan il-kamp, aħna l-*Venture Scouts* kellna ċ-ċans li mmexxu l-kamp aħna. Kull wieħed minna kellu x-xogħol tiegħu: min kien *camp leader*, min *chef*, min *quartermaster*, u rwoli oħrajn. Ix-xita baqgħet nieżla u għalhekk kellna nħassru xi attivitajiet fil-miftuħ li kellna preparati għall-ewwel ġurnata, bħall-*abseiling* u l-*campfire* ta' filgħaxija. Filgħaxija tlabna bil-ħerqa aktar mis-soltu biex iż-żgħażagħ li kienu ser jiġu magħna l-Ġimgħa jġibu magħhom ukoll temp sabiħ, sabiex l-attivitajiet li konna pprogrammajna jkunu jistgħu jsiru.

Il-Ġimgħa filgħodu sebħet ġurnata xemxija, anke jekk it-temp kien xi ftit kiesaħ. Inġbarna barra mit-tinda nistennew lill-mistiedna tagħna jaslu biex inkunu nistgħu nibdew l-attivitajiet. Ridna norganizzaw xi ħaġa speċjali għalihom biex indewquhom ftit mill-ħajja ta' l-*Iscouts*. Sfortunatament xi żgħażagħ li kellhom jipparteċipaw magħna beżgħu mit-temp xitwi u ma ġewx. Minkejja li kien il-ksieħ, l-attivitajiet li konna ħejjejna xorta waħda saru flimkien mal-ftit tfajliet li ħadu sehem f'din l-esperjenza. Hekk kif waslu għamilna l-*flag break*, għedna talba flimkien, u jien, li kont il-*camp leader*, fissirt kif kienet ser titqassam il-ġurnata.

Iż-żewġ attivitajiet prinċipali li ħejjejna kienu *incident course* u *abseiling*. Waqt l-*incident course* il-membri riedu jsibu erba' postijiet fid-Dwejra minn fuq il-mappa. Kull darba li jaslu fil-post, huma riedu jeżerċitaw ruħhom f'attivitajiet partikulari, bħal *first aid*, *pioneering*, *mapping*, u jwieġbu għal xi mistoqsijiet ta' tagħrif ġenerali. Meta ntemmet din l-attività, inġbarna lkoll fuq il-blat ħdejn il-mina li hemm int u nieżel id-Dwejra fejn kellu jsir l-*abseiling* u l-*climbing* mal-blat. It-tfajliet li kellna magħna, minkejja xi ftit tal-biża' peress li kienet l-ewwel darba li għamlu attivitajiet simili, ħadu ħafna gost b'din l-esperjenza ġdida.

Imbagħad inġbarna kollha fit-tinda biex nieklu flimkien. Wara li ħsilna l-borom, il-platti u dak kollu li konna wżajna għat-tisjir u għall-ikel, bdejna niġbru l-materjal tal-kamp u niżżilna t-tinda. Għall-erbgħa w nofs ta' filgħaxija għamilna l-*flag down*, għedna t-talba u tlaqna lejn ir-Rabat biex nerġgħu nerfgħu l-materjal tal-kamp fil-*headquarters* tagħna għal meta jmissna nagħmlu kamp ieħor.

**Venture Scout Vincent Rapa**

## Ġurnata volontarjat Malta





Kienet il-festa ta' l-Epifanija meta flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ morna ġurnata Malta bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied li ġew organizzati mill-grupp *Living with Hope* flimkien mal-KDŻ ta' Għawdex.

Ma kenitx mawra bħas-soltu. Ingħaqadna flimkien biex immorru nqassmu xi rigali li nġabru f'diversi parroċċi f'Għawdex, fosthom l-Għarb, Għajnsielem u n-Nadur permezz ta' l-inizjattiva magħrufa bħala *A Christmas Tree with a difference*. Dan ifisser li matul in-novena tal-Milied xi parroċċi tagħna qegħdin ipoġġu s-Siġra tal-Milied fil-knisja u jistiednu lin-nies biex ipoġġu offerti ta' l-ikel u għotjiet oħra għal dawk li huma fil-bżonn. Dawn ir-rigali nġabru għaċ-Ċentru għar-Refuġjati mmexxi mill-Ġiżwiti, is-Sorijiet tal-*Creche*, is-Sorijiet ta' Mother Teresa u d-Dar tal-Provvidenza. Kien hemm ħafna u ħafna rigali sbieħ, grazzi għall-ġenerożità ta' tant persuni. Minkejja l-piż ta' kaxxi li kellna nġorru, konna ferħana u xtaqna li kellna aktar x'noffru. Konna qisna s-slaten maġi (konna sbatax!) sejrin bir-rigali ħdejn Ġesù!

L-ewwel żjara tagħna kienet fiċ-Ċentru għar-Refuġjati, in-Naxxar, fejn ħallejna xi kaxxi tal-*preserves*, *toys* u ħwejjeġ oħra. Minn hemm bqajna sejrin Tas-Sliema, għand is-Sorijiet Ursolini tal-*Creche*. Għal xi wħud miż-żgħażagħ li kienu magħna din kienet l-ewwel esperjenza tagħna f'dan il-post, u baqgħu msaħħrin jilagħbu u jifirħu b'dawn it-tfal ċkejknin u trabi, hekk li sibniha ftit diffiċli nikkonvinċuhom biex nitilqu minn hemm.

Wara Tas-Sliema morna Bormla, għand il-Missjunarji tal-Karità, jew, kif nafuhom iżjed, għand is-Sorijiet ta' Mother Teresa. Hawnhekk, is-Sorijiet, mgħejjuna minn xi żgħażagħ, ilaqqgħu grupp ta' tfal biex jgħaddu ftit ħin ta' logħob flimkien u jieħdu sehem fil-quddiesa. Aħna nqsamna f'żewġ gruppi u kull grupp ħa ħsieb janima xi xogħol tal-*crafts* lil dawn it-tfal. Imbagħad, meta telqu t-tfal, iċċelebrajna l-quddiesa flimkien mas-Sorijiet fid-dar tagħhom.

Peress li kien fadlilna mmorru d-Dar tal-Provvidenza, ħsibna li ngħaddu ftit ħin f'Għar Lapsi, kemm nieklu xi ħaġa żgħira u nitkellmu ftit flimkien. Minn hemm tlajna d-Dar tal-Provvidenza u, barra li ħallejnilhom il-kaxxi li konna ħejjejna għalihom, rajna ftit ix-xogħol li jsir f'dan il-post. Għal xi wħud minna ma kenitx l-ewwel darba li morna d-Dar tal-Provvidenza ngħinu kif nistgħu f'dan il-post.

Żgur li f'moħħna ser tibqa' dik il-ħarsa nnoċenti tat-tfal tal-*Creche*, it-tbissima sinċiera tas-sorijiet li jieħdu ħsiebhom, il-ferħ safi u s-sempliċità tal-ħajja tas-sorijiet ta' Mother Teresa, is-salib tal-ħajja u s-serenità tal-persuni bi bżonnijiet speċjali u d-dedikazzjoni ta' min jieħu ħsiebhom. Dawn kienu l-kewkba li wasslitna għand Ġesù nhar l-Epifanija. Dawn kienu s-sinjali tal-preżenza ħajja ta' Ġesù, il-Verb t'Alla li sar bniedem bħalna.

**Angie Pace**



Letteratura Għawdxija

# Il-Gżira tad-Destin

*Pawlu sejjer kien Damasku*
*bil-permess tal-qassisin*
*biex lil dawk li f'Kristu jemmnu*
*jieħu lura marbutin.*

*F'nofs ta' triq 'ma ġrajja seħħet*
*li biddlitu totalment,*
*u minn għadu kiefer w aħrax*
*sar dixxiplu verament.*

*Dawl mis-sema 'dda madwarhom*
*waqgħu fl-art bħal mitlufin*
*fis mis-sema nstema' leħen*
*lilu jwiddeb b'ton ħanin.*

*"Għax kontrija tmur int qiegħed?"*
*hekk mistoqsi huwa kien,*
*u dlonk ngħarraf ġie mill-għoli*
*ta' min kienu dawn il-kliem.*

*Jien Ġesu' nagħmlek ministru*
*biex tgħarrafni int lill-ġnus*
*biex mid-dlam huma jduru*
*b'dawl minn fuq jiddu l-irjus.*

*Kien imressaq darba Pawlu*
*għand Agrippa s-sultan*
*għax lil ġensu għall-indiema*
*biex iwassal kien ħerqan.*

*Ma setax jirbaħ lis-Sewwa*
*u 'l prokonslu Festu stqarr:*
*"Jien lil Ċesari nappella"*
*dak li jisma' wkoll liż-żgħar.*

*Pawlu u xi ħabsin oħra*
*f'idejn Ġulju ċ-ċenturjun*
*ġew afdati sa ma jaslu*
*ġewwa Ruma l-bogħod reġjun.*

*Ħallew mela, Adramitti*
*Sidon waslu wara jum,*
*mn'hemm erħewlha dlonk għal Ċipru*
*'ma riħ kontra kellu jqum.*

*Mira f'Liċja sabu ġifen*
*li l-Italja kellu jmur*
*telgħu fuqu u bil-lajma*
*qrib ta' Kreta beda jdur.*

*Jiem għaddew bla ma qatt jaqtgħu*
*ħalel sura ta' għoljiet*
*sa ma waslu ħdejn Lasaja*
*u hemm sabu ftit tal-kwiet.*

*Wisq qalila dik ix-xitwa*
*il-perikli kienu kbar,*
*għalhekk Pawlu kien wissihom*
*li t-tluq ikun għall-agħar.*

*"Nara qiegħed, ħbieb, li s-safra*
*se ġġib ħsara u telf kbir".*
*il-kaptan u sid il-ġifen*
*ma laqgħux dan il-parir.*

*Ma' dawn qabel il-kbir Ġulju*
*u għar-riħ ta' nofs in-nhar*
*refgħu l-ankra u bdew miexja*
*tul ta' Kreta x-xatt xejn ċar.*

*Dawru l-pruwa lejn Feniċi*
*port ta' Kreta lejn il-lbiċ*
*riedu hemm jgħaddu x-xitwa*
*'ma għalxejn sewa t-tpaċpiċ.*

*F'daqqa waħda qam rih qawwi*
*li jgħidulu l-grigal,*
*ma kellux ħila l-ġifen*
*kontra riefnu hekk setgħan.*

*Ħallewh, mela, hu iġorrhom*
*dritt lejn Kawda bla taħsir*
*'ma dil-gżira ċkejkna, għera,*
*ftit kenn toffri f'maltemp kbir.*

*It-tempesta kompliet ħraxet*
*u biex huma jsalvaw,*
*it-tagħbija waddbu l-baħar*
*beżgħanin li jinkaljaw.*

*It-tagħmir huma tal-ġifen*
*irmew barra biex jeħfief.*
*żammew biss x'kien essenzjali*
*bħal m'hu t-tmun u xi moqdief.*

*Jiem għaddew bla xemx u kwiekeb*
*imkaxkrin minn baħar ġgant*
*hekk li kollha t-tama tilfu*
*saħansitra l-kmandant.*

*Għal żmien twil lanqas jitrejqu*
*dawk ma felħu l-imsejknin*
*il-kuraġġ kien għeb minn qalbhom*
*qiesu b'ruħhom mitlufin.*

*Pawlu mnebbaħ ġie minn anġlu*
*kien żgurat li ħadd mill-grupp*
*ma kien sejjer jitlef ħajtu*
*biss il-ġifen kellu jdub.*

*Wissieh kien ukoll dan l-Anġlu*
*li quddiem Ċesri sa jmur*
*imma qabel dana kollu*
*ma xi gżira jaħbtu żgur.*

*Kien "jeħtieġ", hekk qallu l-Anġlu*
*imma għaliex dan ma qallux,*
*trid l-istorja tgħid il-għala*
*aħna żgur dan ma nafux.*

*F'din il-ħtieġa hemm misteri*
*li jħalluna mbellħin*
*li moħbija kollha kienu*
*imma nkixfu f'waqtu l-ħin.*

*Pjan jeskludi iva għal kollox*
*li xi ħaġa ġiet kif ġiet*
*din il-ġrajja kienet moħba*
*u serbut t'għeġubijiet.*

*Pawlu sewwa kien wissiehom*
*biex minn Kreta ma jsalpawx*
*imm'għal dak li qallhom Pawlu*
*widen huma le ma tawx.*

*Kellhom ħsieb li x-xitwa jqattgħu*
*f'ta' Feniċi l-port ta' kenn.*
*ir-riħ tbiddel u ħajjarhom*
*jissuktaw il-vjaġġ b'impenn.*

*Grigalata ferm qalila*
*hi tefgħethom 'l hawn u 'l hemm*
*huma bassru b'liema xejra*
*dan il-vjaġġ kien sa jintemm.*

*Minn dan kollu xejn ma ġara*
*għax minn fuq Anġlu mibgħut*
*serraħ moħħ l-appostlu Pawlu*
*li ħadd żgur ma kien sa jmut.*

*Huma kellhom jaslu Ruma*
*hemm l-Appostlu l-kbir tal-ġnus*
*kellu jtemm il-jiem ta' ħajtu*
*hekk fis-sema kien meqjus.*

*Imma qabel dana kollu*
*kien MEĦTIEĠ li gżira jżur*
*għax hemmhekk il-ħanin Alla*
*ried li huwa żgur imur.*

*Dan kien, mela, il-pjan t'Alla*
*xejn imħolli għall-ħajriet*
*din il-gżira destin kellha*
*għaġeb ta' l-għeġubijiet.*

*Din il-gżira hi ta' Pawlu*
*din il-gżira tad-destin*
*hi minn Alla ġiet imsejħa*
*biex tkun dawl għall-mitlufin.*

*Il-fanal huwa għall-ġifen*
*f'baħar qawwi ta' wens kbir,*
*hekk ried Alla li tkun Malta*
*għan-nies kollha tal-baċir.*

**Poeżija ta'**
**Fr. Eddie Camilleri s.j.**

Madre Margerita De Brincat - 2



Dun Ġużepp Diacono, Fundatur tal-Kongregazzjoni

# Madre Margerita u l-Providenza

**jikteb Angelo Xuereb**

Il-ħajja ta' Madre Margerita de Brincat kienet ispirata minn imħabba kbira lejn Alla. B'hekk hija ntelqet f'idejh kompletament u ħallietu jagħmel minnha strument fejjiedi.

Infatti fil-kitba tagħha naqraw[1] "*Għalhekk b'kuraġġ kbir nintefgħu b'għajnejna magħluqa f'dan il-baħar bla qies tal-Providenza Divina, u hemmhekk insibu l-mistrieħ tagħna*". Darba lill-konfessur tagħha kitbitlu dan li ġej "*Għażiż Padre, il-ħsieb tal-kont preċiż li rrid nagħti ta' ruħ ħaddieħor, ibeżżagħni ħafna, filwaqt li dak ta' ruħi, imsejkna u ngrata, hu iebes ħafna. X'għandi nagħmel għajr li nintelaq kollni kemm jiena fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina*".

Dawn il-kitbiet tagħha profondi fuq il-providenza ta' Alla turi kemm hija kienet marbuta u mitluqa mar-rieda tiegħu. Għalhekk dawn il-kitbiet tagħha ħarġu minn ruħ li kif tgħid it-teoloġija spiritwali kienet f'abbandun totali. Jiġifieri kienet fi stat fejn kienet tittama, tħobb u tintelaq f'idejn Alla.

Il-fatti ta' ħajjitha juruna dan li għidna. Meta Dun Ġużepp Diacono kien se jxolji l-kongregazzjoni li kien waqqaf u s-sorijiet kienu sejrin d-dar, il-Providenza ta' Alla ispirat lil Madre Margerita biex tiġi minn Malta u tindaħal hi minfloku. Infatti dakinhar il-kongregazzjoni kellha ħafna djun iżda hija ma qatgħetx qalbha. Għall-oppożizzjoni ta' Dun Ġużepp Diacono hija wieġbet "*Iva, Missier, jiena nħoss li, bil-għajnuna ta' Alla, nista' nieħu din ir-responsabbiltà u mmexxi 'l quddiem din l-opra*". Quddiem il-fidi kbira tagħha, Dun Ġużepp kellu jċedi mill-ħsieb li kien se jagħmel.

Għalhekk hija salvat il-kongregazzjoni mill-qerda tagħha. Ma kenitx sitwazzjoni faċli. Iżda mdawla mis-Sema u mitluqa f'idejn il-providenza ta' Alla hija ndaħlet għat-tmexxija tas-sorijiet. U Alla ppremja lil Madre Margerita għall-fiduċja fil-providenza Tiegħu, billi s-sorijiet tagħha nfirxu f'ħafna postijiet madwar id-dinja kollha u l-vokazzjonijiet tkattru.

Ħajjitha kollha kienet ibbażata fuq il-providenza ta' Alla. Ġie li naqas il-ħobż, il-laħam u ż-żejt fil-komunità. Iżda Alla dejjem ipprovda.

Għalhekk il-ħajja ta' Madre Margerita tgħallimna li għandna nafdaw f'idejn il-providenza ta' Alla li tmexxi kollox.

[1] *Madre Margerita qatt ma kitbet trattati sistematiċi. Hija kitbet biss ittri liż-żewġ Konfessuri, Sorijiet, Komunitajiet, diversi persuni, ittri Ċirkulari u Viżti Kanoniċi. Dawn il-kitbiet huma miġburin fi ktieb wieħed Sinossi,Għawdex 1991.*

Rose's
BAR & RESTAURANT
15, Ramla Road, Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 564890 Mob: 0942 5830

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Ir-Raba' Parti )*

***F'din it-taqsima se nibdew billi nkomplu nagħtu tagħrif dwar kif kienu jinġabru l-uċuħ tar-raba' mill-bdiewa tagħna.***

### Qtugħ il-Kromb

***Il-kromb***, jiġifieri l-***brokkli***, il-***fjur tal-pastard***, il-***kaboċċi***, il-***ġidra*** u l-***kaboċċi taz-zokk*** jilħaq f'diversi żminijiet tas-sena l-aktar minn Settembru sa Ġunju. Meta jilħqu għal qtugħ, il-bidwi jdur jaqta' l-pastard jew il-kaboċċi li jkun laħaq u jġorru f'gozz wieħed fil-għalqa. Imbagħad ikun imiss li ***jsewwi l-pastard*** billi jaqtagħlu l-weraq u z-zokk żejda. Il-ġidra jaqtagħha u jiġborha wkoll, imma l-ġidra flok tissewwa tinbiegħ sħiħa, għalhekk iqaċċat barra l-egħruq u jorbotha f'***qatet***, il-bajda għalija u l-kaħla għaliha. Dwar il-pastard u l-kaboċċi, imbagħad kien jimla kollox fix-xkora tal-ġuta u jeħodhom għall-bejgħ. Illum naturalment jimliehom fil-kaxxi.

### It-Tewm, il-Basal u l-Ħass

It-tewm aħdar meta jilħaq, u dan jilħaq meta t-temp ikun kiesaħ ħafna, jinqala' bl-egħruq b'kollox. Il-bidwi jaħsel l-egħruq fl-ilma tal-bir, li fix-xitwa jkun sħun, imbagħad jorbtu ***faxx faxx*** u jieħdu għall-bejgħ. ***Faxx*** ifisser qatta. Hekk ukoll jinqala' u jinbiegħ il-basal aħdar. Il-***ħass*** ukoll jinqala' bl-egħruq, imma f'dan il-każ l-egħruq jinqatgħu barra u l-prodott jinġarr fil-kaxxi. Ħass il-bidwi jkabbar żewġ tipi, dak ***twil*** u l-ieħor l-***ikkabuċċjat***.

### Il-Ful u l-Piżelli

Meta jilħqu l-***ful*** u l-***piżelli***, il-bidwi jaqta' l-***imżiewed*** u jimlihom fi bxiekel jew mezez biex jeħodhom għall-bejgħ. Illum juża l-kaxxi tal-plastik, bħalma diġa' semmejna fil-każ ta' prodotti oħra.

### It-Tadam, Brunġiel u Bżar Aħdar

Illum, bil-għajnuna tas-***serer***, it-tadam jikber is-sena kollha. Imma dari kien jikber fis-sajf biss. L-aktar ***tadam bikri*** kien ikun dak tan-Nadur, li jinżera' n-naħa ta' l-irdumijiet tat-tramuntana f'raba' imkennen mill-irjieħ bil-blat u l-qanniċ, raba' li fih ħafna ***ilma ġieri***, imma raba' li wkoll ***jagħti għal fuq il-baħar***.

Wara jilħaq it-tadam l-ieħor ta' l-istaġun, l-ewwel tar-raba' saqwi, u mbagħad tar-raba' bagħli. Il-bidwi dari kien jaqta' t-tadam li jkun laħaq u jieħdu s-suq fi bxiekel, mezez inkella f'xi kaxxa, ***iċ-ċatt*** għalih, il-***bżenguli*** għalih, u t-***tond*** għalih. Illum jeħduh fil-kaxxi tal-plastik li jkunu standard. It-tadam li jittieħed il-magna għand il-għassar, jinġarr f'kaxxi pprovduti mill-għassar stess.

Hekk ukoll jinqata' l-***brunġiel*** u l-***bżar aħdar***, għalkemm dawn il-prodotti ma jkunux kotrana daqs it-tadam.

### Il-Qaqoċċ

Il-***qaqoċċ*** jikber fuq xitla perenni li fis-sajf tidher tinxef, iżda mbagħad wara l-ewwel xita terġa' ttella' u tkabbar ħafna xtieli żgħar madwarha. Meta tkun ***sena milwiema*** l-qoqoċċ jilħaq ***bikri***, jiġifieri kmieni, jekk tkun sena skarsa mix-xita joħroġ ***imwaħħar***, iżda dejjem ikun fl-aqwa tiegħu f'Marzu u April. Jinqata' u jinġarr fil-bxiekel jew fil-kaxxi. Iżda l-qaqoċċ tas-saqwi dejjem jilħaq xi ftit qabel.

### Il-Patata u l-Basal

Il-***patata*** hija prodott li jagħmel żewġ uċuħ, wieħed ***fix-xitwa*** u l-ieħor ***fir-rebbiegħa***. Dak li jinżera' f'Settembru/Ottubru jissejjaħ tax-xitwa u dak li jinżera f'Jannar/Frar jissejjaħ tar-Rebbiegħa. Il-patata tax-xitwa tinġabar kif tinqala' u tittieħed għall-bejgħ fil-kaxxi.

Il-patata tar-rebbiegħa tinqala', titħalla ftit *titrewwaħ*, imbagħad tingħabar fil-kaxxi ftit wara li tinqala'. Din il-patata tista' tinbiegħ hawn Għawdex u tista' wkoll tkun esportata. Meta tinbiegħ Għawdex stess tittieħed is-suq fil-kaxxi. Il-patata li tkun se tiġi esportata tintgħażel skond il-qies, timtela fi xkejjer apposta, u tittieħed biex tiġi esportata. Il-proċess tal-għażla jew *grading* jista' ma jsirx mill-bidwi.

Il-patata ma tibqax tajba jekk tiħdar għax jekk jiġri dan issir velenuża. Għalhekk, jekk il-bidwi jkollu patata żejda li ma jistax jeħles minnha malajr, ikollu ***jordomha*** għal xi ftit taż-żmien f'ħofor kbar qishom oqbra biex ma tarax dawl u hekk tibqa' tajba.

Prodott ieħor li jista' jiġi esportat huwa ***l-basal***. Il-basal jinqala' fir-rebbiegħa għall-ħabta ta' Mejju u Ġunju. Meta jinbiegħ Għawdex jorbtuh faxx faxx jew qatta qatta, l-abjad għalih u l-aħmar għalih. Dak li ma jkunx jista' jintrabat jeħduh fil-kaxxi. Il-basal li jkun għall-esportazzjoni jimlewh fi xkejjer apposta wara li jingħażel jew jiġi graded skond id-daqs u l-kwalità.

## Il-Għażla taż-Żerriegħa

Biex il-bidwi jiżra' l-uċuħ minn sena għal sena jeħtieġlu ***ż-żerriegħa***. Iż-żerriegħa jista' jew jixtriha lesta, inkella jerfa' minnha minn sena għal oħra. Iż-żerriegħa ma sservix kollha l-istess. Xi żerriegħa sservi sena biss, żerriegħa oħra sservi sentejn, u żerriegħa oħra sservi erbgħa jew ħames snin. Biex isservi, iż-żerriegħa trid tkun merfugħa sewwa, l-aħjar f'xi borża żgħira tad-drapp jew tax-xkora, u tkun imdendla f'arja niexfa. L-umdità tagħmel il-ħsara liż-żerriegħa u tista' tmut.

Biex il-bidwi jkollu żerriegħa tajba jeħtieġ li jkun jaf kif jagħżilha. Uċuħ imkabbra minn żerriegħa magħżula jissejħu ***tal-magħżula***. Xi drabi l-għażla trid issir bi ftit tal-ħsieb u biż-żmien. Imma b'dan il-mod il-bidwi jkun żgur li jkollu żerriegħa tajba li tagħtih l-aqwa wċuh. Issa se ngħidu fil-qosor kif issir il-għażla taż-żerriegħa.

## Żerriegħa tal-Qamħ, Xgħir, u Qamħ ir-Rum

Il-għażla ssir minn ***sbul*** li jikber fuq l-aħjar xitel. Mis-***sbula***, fil-każ tal-Qamħ u x-Xgħir, u mill-***marden***, fil-każ tal-Qamħ ir-Rum, il-bidwi jagħżel iż-żerriegħa ta' nofs is-sbula jew ta' nofs il-marden u jiskarta tan-naħa ta' fuq u ta' taħt, li tkun inqas sabiħa. L-***uċuħ tal-magħżula*** għandhom jinżergħu għalihom u s-sena ta' wara terġa' ssir il-għażla bl-istess mod. B'dan il-mod fi żmien qasir il-bidwi jkollu żerriegħa ta' l-aqwa kwalità.

## Żerriegħa tal-Ful, Piżelli, u legumi oħra

Il-għażla ssir billi wieħed jagħżel l-aktar ***imżiewed*** twal u mimlija, u li jkunu l-iżjed 'l isfel u, għalhekk, jilħqu l-ewwel. Xitel li ma jkollux imżiewed twal u 'l isfel għandu jiġi skartat. B'hekk il-bidwi jkollu żerriegħa li tagħmel ħafna u li tilħaq bikrija.

## Żerriegħa tal-Qoton

Illum il-qoton m'għadux jinżera'. Iżda xorta waħda se ngħidu kif kienu jagħmlu ż-żerriegħa dari. Din kienet issir billi l-bidwi jagħżed ***ġewżiet tal-bjad*** mill-ewwel li jilħqu minn pjanta b'saħħitha. Tajjeb li jara wkoll li l-ġewżiet ikollhom għamla tonda u sabiħa u li l-ħjut tat-tajjar ikunu mill-iżjed twal.

## Żerriegħa tal-Kemmun

Ix-xitla tal-Kemmun hija ta' l-istess familja tal-bużbież, u tat-tursin u l-karfus. Imma llum lanqas il-Kemmun m'għadu jinżera'. Issa billi dan hu studju folkloristiku aktar milli tagħrif tekniku se ngħidu kif kienu jagħżlu l-Kemmun. Wieħed irid qabel xejn jagħżel l-aktar pjanti sbieħ u bikrin. Imbagħad irid jara li ż-żerriegħa tkun mimlija u lixxa għal kollox, bla ebda difett.


JVJ GENERAL MERCHANTS

Importers of Sweets - Master Squashes - Master Spirits
Distributors of Delco Batteries & Car Accessories

**Car & Motor Bike Dealer - Rent-a-Car**

*Gozo Sole Agent for Aprilia, Gillera, Piaggio Motor Bikes & Pirelli Drago Tyres*

**Victoria:** St. Leonard Street, at Dominic's Department Store Yard.
**Xagħra:** 8, Gajdoru Street.
**Tel:** 2155 5819, 2156 4640 - **Fax:** 2156 3950 - **Mob:** 9949 6680

## Żerriegħa tal-Bħajra (Bettieħ u Dulliegħ), Qara' u Ħjar

Wieħed irid iżomm l-aħjar frott fost dawk li jkollhom l-aħjar sura u ta' kwalità li jkun irid jikkultiva. Imbagħad irid jara li kull darba fis-sena ta' wara ma jkunx hemm fil-qrib pjanti ta' kwalitajiet oħra inferjuri għax inkella jistgħu jiddakkru minnhom u xorta waħda ż-żerriegħa ma tkunx ta' kwalità tajba.

Dwar il-Bettieħ wieħed irid jiftakar li l-bettieħ ***għajjur*** u jieħu t-togħma ta' frottijiet oħra li jkun hemm fil qrib, l aktar tal qara' u tal ħjar.

## Żerriegħa tal-Brunġiel u Bżar Ħelu (jew Aħdar)

Il-għażla ssir billi wieħed iżomm l-ewwel frott li tagħmel il-pjanta u li jkun mingħajr difett u l-frottiet iħallilhom isiru sewwa qabel ma jaqtagħhom.

Hawn ta' min igħid ukoll li l-Brunġiel u l-Bżar jiddakkru malajr, għalhekk wieħed irid joqgħod ħsiebu hemm li wieħed ma jagħżilx żerriegħa ta' bżar ħelu minn pjanti li jkollhom qribhom pjanti tal-bżar jaħraq għax dawn jiddakkru bl-insetti.

## Żerriegħa tat-Tadam

Il-bidwi jagħżel din iż-żerriegħa billi jżomm l-ewwel frott li l-kobor, is-sura u lewn joħroġ skond il-kwalità li jkun irid jikkoltiva. Hawn ta' min igħid li ż-żerriegħa tat-tadam mill-frott li jkun għadu ma sajjarx aktarx tagħti pjanti bikrin, imma l-frott joħroġ żgħir.

## Żerriegħa tal-Kromb: Pastard u Brokkli

Il-bidwi jagħżel l-aħjar pjanti li jkollhom ***qalba*** sabiħa. Mill-qalba, li tkun qisha fjura, il-pjanta ***ssebbel*** u ttella' l-fjur proprju (safrani u sura ta' salib) biex imbagħad tgħaqqad iż-żerriegħa. Importanti li meta jkun hemm il-fjur, fil-qrib ma jitħallewx pjanti tal-kaboċċi u tal-ġidra li jkunu ***sebblu*** għax inkella jiddakkru. Pjanta minn żerriegħa mdakkra ma tiftaħ xejn u ma tagħmilx ħlief zokk oħxon u ħafna weraq, imsejjaħ mill-Għawdxin ***ferfur***. Pjanta bħal din tingħaraf mill-ewwel sa minn meta tkun żgħira għax flok weraq ovali jkollha weraq imfelfel, donnu nokkli nokkli u ppizzjat.

Anki meta l-pjanti tal-kaboċċi u tal-ġidra msebblin ikunu 'l bogħod jistgħu jdakkru l-pastard u l-brokkli. Għalhekk, tajjeb li wieħed igħatti l-fjur b'biċċa musulina ħalli jgħaddu d-dawl u l-arja, imma fl-istess waqt l-insetti ma jidħlux. Minħabba dan il-gwaj tad-dakra, ħafna bdiewa Għawdxin jippreferu jġibu żerriegħa minn Malta li tkun ta' kwalità aħjar.

Biex il-kwalità tal-Pastard tibqa' l-istess, tajjeb li wieħed jagħżel l-iżjed pjanti bikrin fil-każ tal-kwalità l-iżjed bikrija u pjanti l-iżjed imwaħħrin għall-kwalità l-iżjed imwaħħra li jsiru fir-rebbiegħa. Għall-kwalitajiet l-oħra, tajjeb li pjanti l-iżjed bikrin u l-iżjed imwaħħrin jiġu evitati.

## Żerriegħa tal-Kromb: Kaboċċi taz-Zokk

Il-pjanti għaż-żerriegħa tal-Kaboċċi taz-Zokk jintgħażlu bl-istess mod li għadna kemm semmejna fil-każ tal-pastard. Iżda ż-żerriegħa tista' tinġabar kemm mill-fjuri li joħorġu mit-tarf, kif ukoll minn dawk li joħorġu mir-rimi ta' maz-zokk.

Biex wieħed igħin il-pjanta ssebbel, jista' jagħmel ***qatgħa*** żgħira, iżda meta wieħed jieħu ż-żerriegħa mir-rimi ta' maz-zokk, għandu jagħżel iż-żerriegħa li tkun imsawra l-aħjar, u skond il-kwalità li tiġi kkultivata, u jagħmel il-***qatgħa salib***, b'mod li jġiegħel ir-rimja ssebbel malajr.



# *Biex ngħinuk tgħaddi s-sena ma'*
# ĠESÙ FL-EWKARISTIJA

ĦAREĠ ISSA

## "Ejjew Nadurawh"

**L-ewwel ktieb tal-"Lumen Christi Publications" għas-sena 2002**




- Żewġ kotba f'wieħed, b'total ta' 28 Siegħa Adorazzjoni u 4 Ċelebrazzjonijiet għat-Tfal.
- Suppliment ta' 20 paġna b'kant u talb ewkaristiku.
- Edizzjoni ġdida fi ktieb ta' 300 paġna, utli ħafna għall-użu personali u għall-gruppi jew komunitajiet ewkaristiċi.

## "Ejjew Nadurawh"

**KITBA TA' MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX
U PATRI ĠORĠ FRENDO, O.P.**

LC LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

*Akkwistah illum għall-prezz ta' Lm 3
mingħand il-librara ewlenin
tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex*




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

## (Il-Ħames Parti)

## IL-ĦAJJA FIL-BAĦAR

*Wara l-aħħar artikli li ktibt dwar l-oriġini tal-bniedem, artikli li nispera li ġew mifhuma tajjeb minn dawk li kellhom l-interess li jaqrawhom, issa ser nibda nġib tagħrif miġbur dwar il-ħajja li tinsab fil-baħar, sezzjoni li qiegħda fis-sular t'isfel tal-Mużew ta' l-Istorja Naturali. F'din il-parti insibu ħut, molluski, ekinodermi, krustaċi u ħlejjaq oħra. F'din il-ħarġa ser nagħtu daqqa t'għajn lejn il-ħut.*

### Il-Ħut

Il-ħut kollu jgħix fl-ilma u jgħix kemm fil-baħar mielaħ kif ukoll fl-ilma ħelu madwar id-dinja kollha. Il-ħut huma maqsuma f'żewġ klassijiet: ħut għadmi (*Osteichthyes*) u ħut kartilaġinuż (*Chondrichthyes*). Minbarra dawn teżisti klassi oħra ta' vertebrati, u li hemm min jikklassifikahom mal-ħut, din hija l-Klassi *Agnatha*. Biex insejħulhom hekk huma ħut bla xedaq, bħal Buwaħħal. Dawn għandhom ħalq biex jerdgħu u jgħixu ħajja ta' parassiti, jgħixu minn fuq dahar ħlejjaq oħra. Huma għamla ta' ħlejjaq aktar primittivi mill-ħut l-oħra. Madwar 20,000 speċi differenti ta' ħut jinsabu jimlew l-ibħra u l-oċejani kif ukoll l-għadajjar tad-dinja tagħna, dan jammonta għal madwar 40% tal-vertibrati - l-annimali kollha li għandhom is-sinsla tad-dahar.

### Il-ħut għadmi



Il-ħut għadmi għandu skeletru ta' għadam veru iebes, kif ukoll ras iebsa li hija mgħottija b'ġilda b'saħħitha mwaħħla magħha. Il-ftuħ tal-garġi huma mgħottijin b'għatu iebes. Il-pinen tad-denb huma bħal xulxin u ndaqs. Fl-ibħra ta' madwar il-Gżejjer Maltin ġew misjuba mal-85 familja b'xi 240 speċi. Fid-dinja kollha din hija l-akbar klassi ta' ħut.

### Il-ħut kartilaġinuż

Mill-ħut kartilaġinuż jinstabu madwar 20 familja b'xi 50 speċi fl-ibħra Maltin. Dan il-ħut huwa differenti mill-ħut għadmi għax għandu għadmu magħmul minn kartilaġni jew kif nafuha aħna, qarquċa, li kultant hija msaħħa minn sustanzi tal-kalċju. Dan jagħmel il-ġisem ta' din il-klassi ta' ħut flessibbli ħafna. Il-ġilda tagħhom hija ħarxa ħafna għax hija miksija bi qxur jew skwami


*Ħuta Kartiliġinuża*

jħarsu fuqhom. Insibu ħafna kuluri varji fil-ħut, b'dawk tal-wiċċ ġeneralment griżi u blu skur u minn taħt bojod jew kulur il-fidda, b'hekk ma jkunx faċli li jintlemħu la minn fuq u lanqas minn isfel. Dawn aktarx li jkunu ħfief u għalhekk għandhom denbhom maqsum fi tnejn biex jaqdfu aktar, u rari jersqu lejn il-qiegħ. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-ħut ipassu bħall-Lampuka u t-Tonn.

Hemm dawk li jgħixu qalb il-blat, qrib il-qiegħ u qalb l-algi ħdejn ix-xtajtiet, bħall-iskorfon, it-tird u l-għarajjes. Dawn imbagħad huma mżejjna b'bosta kuluri. Peress li dawn huma tal-post u ma jiġrux ħafna minn post għal ieħor, in- natura tathom denb maqtugħ fid-dritt jew jiġi fit-tond.

rqaq mitfugħin lura. Id-denb huwa maqsum f'żewġ ponot, bil-ponta ta' fuq itwal minn ta' taħt. Bħala eżempju nieħdu l-kelb il-baħar u r-rajja.

Naturalment jeżistu speċi li jgħixu fil-baħar baxx qrib il-wiċċ u dawn imsejħa ħut tal-wiċċ u hemm dawk li jgħixu fil-fond imsejħa ħut tal-qiegħ. Insibu dawk li ħajjithom jgħixuha qalb il-blat u s-sikek u dawk li jżommu fil-miftuħ. Il-ħut jadatta ruħu għad-diversi ambjenti li jinstabu fil-baħar immens.

## In-nifs

Il-ħut għandu l-garġi qrib ir-ras biex jibdel l-ilma li jidħol mill-ħalq f'ossiġnu u wara jarmi d-dijossidu tal-karbonju mill-ftuħ li hemm wara r-ras ħdejn il-garġi. Organi speċjali fir-ras tal-ħut jagħmluha possibbli biex dawn il-ħlejjaq iħossu s-sens tas-smigħ. Bihom il-ħut iħoss il-vibrazzjoni tal-ħsejjes u t-tibdil fil-pressjoni tal-ilma.

Bħala regola ġenerali l-ħut tal-wiċċ għandhom għajnejhom fil-ġnub biex ikunu jistgħu jaraw madwarhom u dawk tal-qiegħ għandhom għajnejhom iktar 'il fuq fir-ras, biex ikunu jistgħu

## It-tnissil tal-ħut

It-tnissil tal-ħut għadmi jsir billi r-raġel ixerred l-isperma fl-ilma fuq il-bajd li tkun biedet il-mara. Peress li ħafna mill-bajd jinqered minħabba li l-omm ma tieħux ħsiebu dan it-tip ta' ħut ibid eluf ta' bajd biex almenu jibqa' xi uħud minnhom li jiġu fertilizzati. Imbagħad insibu sistema differenti fil-klassi kartilaġinuża fejn ir-raġel jitfa' l-isperma direttament fil-mara, u din minn naħa tagħha tieħu ħsieb il-bjad ġo fiha sakemm jiżviluppaw f'embrijoni.

Uħud mill-ħut, bħat-tird ibiddlu saħansitra s-sess tagħhom. L-ewwel ikunu nisa b'ċerti kuluri u bil-mod il-mod jinbidlu f'irġiel u u jbiddlu l-kulur waqt li jkunu jikbru.


*Dnieb f'forom differenti*

Mistees
Bar & Restaurant
Open Daily
Home Made Food At Family Prices
Mgarr Rd, Xewkija
Tel: 56 56 59 / 55 60 00 Mob. 0946 9606

VELLA
AUTO SERVICE
Mechanic
Auto Electrician
Computerised Tune-ups
Electronic Injection Specialist
Ultrasound Injection Cleaner
14, Victory Street, Qala - Gozo.
Tel: 2155 1405 Fax: 21563835
Mob: 9946 4363


The Liqueur Shop
The Leading Wines, Spirits & Tobacco Merchants in Gozo.
• FREE DELIVERIES •
14 St George's Square, Victoria.
Tel: 556531
Prop. J.C. Mejlak Zammit

TEKNO ZONE
T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Call Peter & Maureen Mercieca
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net




IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •
Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

Gozo Verticals & Shades Ltd.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## It-Traffiku u Saħħitna

Sa tmiem Settembru li għadda kien hemm 252,986 vettura reġistrati f'pajjiżna.Dan huwa numru kbir ħafna ta' vetturi għad-daqs tal-gżejjer Maltin. Kieku kellek tqiegħed dawn il-vetturi f'serbut twil jiffurmaw triq twila nofs miljun mil! Kienet irrapportata wkoll żjieda fl-inċidenti tat-traffiku. Fil-fatt bejn Lulju u Settembru tas-sena 2001, l-inċidenti tat-traffiku żdiedu bi kważi 9% jew 284 fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel, u b'hekk b'kollox laħqu 3,549. Dan ifisser madwar 20,000 inċident tat-traffiku fis-sena. Kull inċident jiswa medja ta' Lm800 - iva, tmien mitt lira!

Apparti l-ammont kbir ta' flus li jintefqu (sittax-il miljun lira b'kollox) hemm involuti wkoll is-saħħa u l-ħajja ta' ħafna persuni. L-iktar persuni li kienu involuti fl-inċidenti u li soffrew ġrieħi b'riżultat tagħhom kienu żgħażagħ ta' bejn il-15 u l- 24 sena. Minn total ta' 341 jew 35% ta' dawk li korrew, mill-grupp imsemmi kien hemm 118. Persuni bejn il- 25 u d-39 sena korrew 81 jew 24%. Dan ifisser li 59% tal-persuni involuti f'inċidenti tat-traffiku kienu taħt il-40 sena. Dan juri kemm it-toroq tagħna qed isiru dejjem aktar perikolużi u aktar fgati. Biżżejjed toħroġ dawra, u mhemm'x għalfejn fir-*rush hour* meta l-ħaddiema jkunu sejrin jew ġejjin lura mix-xogħol, meta tiltaqa' ma traffiku kull fejn tkun iżda speċjalment fit-toroq tar-Rabat, l-iktar Triq it-Tiġrija u Triq Putirjal. Wieħed jistagħġeb kif ma jkunx hemm iktar inċidenti tat-traffiku meta tqis ukoll is-sewqan irresponsabbli ta' xi sewwieqa. Is-sewqan tagħna jimpressjona b'mod negattiv lit-turisti u wieħed mit-tifkiriet li jieħdu magħhom hu l-mod ta' sewqan bl-addoċċ li jaraw u li qed iwaqqagħna għaż-żufjett.

Il-ħsara materjali li ssir fil-karozzi mgħattnin jew mfarrkin jista' jaraha kulħadd. U jħallasha kull min għandu karozza. L-assikurazzjoni ġeneralment trid tagħmel tajjeb kemm għal aċċident sfortunat kif ukoll meta dan ikun riżultat ta' sewqan ħażin, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb jew drogi, sewqan eċċessiv, *bullying* minn sewwieqa fit-toroq, jew inkella minħabba l-qagħda diżastruża tal-maġġoranza tat-toroq tagħna. Dan iwassal għal żieda fil-ħlas ta' *premiums* fuq assikurazzjonijiet ta' vetturi. Illum miskin int jekk ma jkollokx polza tajba ta' assikurazzjoni.

Il-ħsara li ssir mhux biss hija fil-karozzi iżda wkoll fil-ġisem u s-saħħa tal-persuni involuti. Ħafna jibqgħu immankati u numru ieħor jitilfu ħajjithom fil-fjur ta' żgħożithom. Il-prezz li s-soċjetà qed tħallas huwa ferm iktar minn tmien mitt lira! Ftit jagħtu każ ta' ħsara oħra gravi - l-effett psikoloġiku negattiv tas-sewqan ħażin fit-toroq tagħna u tat-tensjoni li joħloq fina b'konsegwenza.

Biżżejjed li wieħed ikun konxju ta' dak li jkun qed jaħseb u jħoss hu u sejjer lura lejn id-dar wara ġurnata xogħol. It-triq traffikuża u mimlija dħaħen jkun jonqos biex tispiċċa l-ġurnata bit-tajjeb!

Hemm soluzzjoni pjuttost faċli u naturali: jintużaw inqas karozzi privati u jintuża iktar it-trasport pubbliku. B'hekk tonqos il-konġestjoni,



jonqsu d-dħaħen velenużi fl-arja, jikkalmaw in-nervi u t-trasport pubbliku javanza finanzjarjament. U meta tonqos il-konġestjoni, tiżdied il-ħeffa biex tmur minn post għal ieħor. U jonqos il-konsum tal-*petrol*. Iżda dan huwa biss ħolm sabiħ. Il-bużillis qiegħed li t-trasport pubbliku mhux servizz effiċjenti u komdu li jiġbed lil dak li jkun biex jużah. F'Għawdex għandu jkun hemm pjan bil-Kunsilli Lokali mdaħħla biex is-servizz tat-trasport pubbliku jitjieb. Għandu jkun hemm servizz b'rotot għall-irħula kollha mir-Rabat u lejn ir-Rabat u servizz għall-irħula minn ħdejn il-vapur għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu Malta. Meta ser nibdew nagħmlu użu mill-*minibuses* fuq dawn ir-rotot għal kumdità tal-pubbliku? Jew l-aqwa li jinqeda t-turist? L-Awtorità tat-Trasport Pubbliku għandha sehem importanti x'taqdi u tirrappreżenta l-interessi tal-pubbliku. Kemm naqilgħu kritika mill-barranin li joħorġu ddiżappuntati meta jagħmlu użu mit-trasport pubbliku? Donnu t-tgergir tagħna l-Għawdxin mhux biżżejjed biex niċċaqilqu u forsi nagħmlu xi ħaġa konreta biex dan is-servizz verament jitjieb. Dan kollu qed joħloq stress fil-ħajja ta' kuljum lil ħafna nies u anke tbatija fiżika. Fl-opinjoni tiegħi s-sitwazzjoni tat-traffiku ma tistax titranġa qabel ma t-trasport pubbliku jitjieb verament, u l-infrastruttura tat-toroq isseħħ u jinstab mezz biex jkun hemm aktar spazji għall-parkeġġ, speċjalment fir-Rabat. Wara li jitjiebu dawn l-affarijiet, wieħed ikun jista' jibda jitkellem fuq inċentivi u skemi favur l-ambjent, u hekk jonqsu l-inċidenti tat-traffiku, d-dħaħen velenużi, il-ħsara lil saħħet in-nies, u t-tensjoni żejda li t-traffiku qed jikkaġuna.









# Sports
## għall-Persuni b'Diżabilità

Is-sehem tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà tagħna huwa mfixkel mill-atteġġajment ta' bosta minna. F'ħafna pajjiżi, l-isport għall-persuni b'diżabilità mhux żviluppat biżżejjed u ma jingħatax l-importanza meħtieġa forsi ukoll għall-fatt li dan ma tantx jiġbed l-interess li jimmeritah. Dan kollu jmur kontra l-valuri vera tal-isports, għax il-valuri vera tal-fair play huma iktar assoċjati għal persuni b'ċerti nuqqasijiet milli għal sport ieħor. Dan għal fatt li dan i-settur jiġbed is-simpatija u s-solidarjetà ta' ħaddieħor quddiem il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet ta' dawn it-tali persuni b'diżabilità. Fil-fatt wieħed josserva dan anke fix-xena internazzjonali fejn sportivi b'diżabilità jagħtu prova ħafna ikbar ta' *fair play* milli jagħmlu sportivi hekk imsejħa normali.

Fil-gżira Għawdxija ftit li xejn nisimgħu li din il-problema, sitwazzjoni, sejħilha li trid qed tiġi ttakiljata. Huwa veru li f'livell kompettitiv, l-isport għall-persuni b'diżabilità jiffaċċja kważi l-istess problemi strutturali u organizzativi bħal ta' sport ieħor. Pero` biex torganizza tali sport għal persuni bi bżonnijiet speċjali jeħtieġ ukoll tekniċi u dan skond id-diversi kategoriji ta' diżabilità.

L-impenn lejn l-isport tal-persuni b'diżabilità jista jkun qawwi kważi jew daqs ta persuni mingħajr *handicap*. Dan għal fatt li l-wirjiet li jagħtu dawn il-persuni b'diżabilità għandu jitkejjel mill-grad tad-diżabilità individwalment. Qed ngħidu dan għax x'aktarx li din il-problema forsi tiġi sottovalutata minn uħud li ma jifmhux din il-materja. Li hemm bżonn li ssir u dan anke f'Għawdex huwa li dawn il-persuni għandhom jingħataw prijorità mill-għalliema u l-*coaches* rispettivi tagħhom. Hemm bżonn ta' iktar kuxjenza għal integrazzjoni anke fil-qasam sportiv ta' din il-kategoriji ta' nies. Forsi ċerti nuqqasijiet iseħħu minħabba nuqqas ta' informazzjoni.

Bħala sport kompettiv, għaqdiet sportivi ftit jagħrfu l-ħtieġa li jibdlu r-regolamenti tagħhom biex jagħtu possibilitajiet indaqs lill-persuni f'saħħithom u lil dawk b'ċerti nuqqasijiet.

Internazzjonalment insibu federazzjonijiet sportivi kif ukoll korpi governattivi u oħrajn għandhom jippromovu kull opportunità għall-persuni b'diżabilità biex jipparteċipaw fl-isports minkejja li ninsabu f'Għawdex.




Għandhom jinħolqu iktar opportunitajiet biex il-persuni b'diżabilità jitkabbar fihom iktar l-interess fl-isport u biex tingħatalhom kull possibilità ta' parteċipazzjoni sportiva. Wieħed għandu jipprova jifforma gruppi mħallta ta' sportivi. Tfal u żagħżagħ b'nuqqasijiet jistgħu jitħalltu ma' oħrajn b'saħħithom biex nneħħu kull tip ta' preġudizzj. Għandhom ukoll jinħolqu strateġiji li jinkoraġixxu dejjem iktar lill-persuni b'diżabilità biex jippratikaw u jipparteċipaw fl-isport. Fuq kollox jistgħu jsiru manifestazzjonijiet sportivi li fihom jalternaw attivitajiet riservati għal persuni b'ċerti nuqqasijiet ma' oħrajn riservati għal dawk li ma jbatu minn ebda *handicap*.

Nafu li kull tant żmien isir ċertu logħob bejn persuni b'diżabilità Għawdxin u Maltin flimkien. Aħna kellna l-okkażjoni li propju nattendu għal waħda minn dawn l-attivitajiet li kienet saret fil-*Gozo Stadium* fuq il-ħaxix. Tgħidx kemm ħadu gost dawk it-tfal kollha li ħadu sehem. Kemm ġrew u tmeku fuq it-*turf*. U anke l-oħrajn li kienu hemm biss bħala spettaturi deher fihom dak is-sodisfazzjon ta' wiċċ hieni. Attivitajiet bħal dawn huma ferm inkoraġġanti u rakkomandati.

Fuq kollox kulħadd hemm bżonn jifhem li l-parteċipazzjoni fl-isport minn persuni b'diżabilità hija waħda riabilitattiva. U finalment għalhekk kull wieħed u waħda minna, għandna naħdmu biex tiġi addottata politika li ġġib 'l quddiem integrazzjoni ikbar kull fejn din hija possibbli.






*miġbura minn Pierre Mejlak*

- **Karate mgħallem lill-membri tal-Kleru.** Membri tal-Kleru Anglikan fir-Renju Unit bħalissa qed jiġu mgħallma l-Karate. Qassisin Anglikani qed jiġu mgħallma kif jikkalmaw lill-aggressuri tagħhom u kif jagħtu sorpriża ħelwa lil dawk li jaħsbu li għax qassisin, mhumiex kapaċi jieqfu lill-aggressuri. Skond Rev. Bill Ward aktar qassisin qed jiltaqgħu ma' nies vjolenti fil-ħidma tagħhom. Stħarriġ li sar mill-Università ta' Londra juri li 12% tal-Qassisin Anglikani fin-nofsinhar tar-Renju Unit ġew attakkati fiżikament, 22% ġew mhedda, waqt li 70% ġew attakkati verbalment.

- **Tliet anzjani jitkeċċew minn *Day Centre*!** Tliet nisa, kollha ta' 'l fuq minn 90 sena, tkeċċew minn dar tal-anzjani f'Abbeyfield, fir-Renju Unit. Il-kawża tat-tkeċċija kienet diżgwid kbir bejniethom. tant li kemm il-darba ġew fl-idejn. L-akbar ġlieda kienet dwar *table-cloth* tal-plastik li milli jidher lil dawn it-tliet anzjani ma kienet togħġobhom xejn.

- **Bin Laden jgħin lil New Zealand f'kampanja ta' promozzjoni.** L-Awtorità tat-Turiżmu ta' New Zealand għadha kemm varat kampanja ġdida sabiex tiġbed aktar turisti lejn il-pajjiż u b'sorpriża kbira użat is-silwett ta' Osama Bin Laden fuq *billboards* kbar! Turban abjad u saqajn ta' lewn kannella qed jakkumpanjaw messaġġi li jipproġettaw lil New Zealand bħala post bogħod minn kull periklu ta' terroriżmu!

- **Ħames xhur jistennew quddiem ċinema!** F'Seattle, l-Istati Unti, hemm żewġ irġiel igħixu quddiem il-bibien ta' *Cinerama Theatre*, fejn fis-16 ta' Mejju ser jintwera għall-ewwel darba l-film *"Star Wars Episode II: Attack of the Clones"*. John Guth u Jeff Tweiten qed jorqdu fi *sleeping bags* quddiem iċ-ċinema biex żgur ikunu minn tal-ewwel li jakkwistaw biljett!

- **Supretendent isib ċurkett tad-djamanti ġo fossa tad-drenaġġ.** Il-każ ġara f'Upper Allen. Ċertu Michael Klein, bi żball, ifflaxxja ċ-ċurkett tad-djamanti li kien ilu jiġri fil-familja tiegħu għal snin twal. Fil-fatt kienet il-bużnanna tiegħu li tat iċ-ċurkett lil omm Michael, li llum għandha 77 sena. Iċ-ċurkett ma jiswiex flejjes kbar però għandu valur sentimentali kbir. Tant li Klein ħallas $400 lil *plumber* sabiex jipprova jsibu. Ma rnexxilux. L-anqas irnexxilu jsib iċ-ċurkett meta għadd ta' ħaddiema niżlu jfittxu ċ-ċurkett fil-fossa permezz ta' *video technology*, li swiet aktar minn $500. L-unika alternattiva kienu l-Pulizija. Klein ċempel direttament lill-pulizija u spjega l-valur taċ-ċurkett lis-Supretendent Bill Anderson. Tant qanqlitu l-istorja li ordna li titbattal il-fossa tad-drenaġġ u daħal huwa direttament fiha. U s-supretendent ħareġ mill-fossa biċ-ċurkett!



# Peugeot 307

## Not just a number - A Winner

## CAR OF THE YEAR 2002










**MICHAEL ATTARD LTD.**

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 21238854
Psaila Street, Sta. Venera. Tel: 21449312
www.peugeot.com.mt

307
PEUGEOT
**Engineered to be Enjoyed.**




# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa